KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fil-15 ta' Settembru 2022[1]

**Kawża C-407/21**

**Union fédérale des consommateurs - Que choisir (UFC - Que choisir), Consommation, logement et cadre de vie (CLCV)**
**vs**
**Premier ministre, Ministre de l'Économie, des Finances et de la Relance**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Direttiva 2015/2302 – Pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta – Terminazzjoni ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar – Ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji – COVID-19 – Natura ta' rimbors tal-pagamenti magħmula mill-vjaġġatur għall-pakkett tal-ivvjaġġar – Rimbors fi flus jew ħlas lura ekwivalenti fil-forma ta' vawċer – Deroga temporanja mill-obbligu tal-organizzatur biex jirrifondi lill-vjaġġatur mhux iktar tard minn 14-il jum wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar)

## Introduzzjoni

1. Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala "pandemija". Fir-rimarki tal-ftuħ tiegħu waqt il-laqgħa għall-media dwar il-COVID-19 f'dik id-data, id-Direttur Ġenerali tal-WHO irrikonoxxa li l-pandemija tal-COVID-19 "ma hijiex biss kriżi tas-saħħa pubblika, hija kriżi li ser tmiss kull settur [...]". Fil-fatt, il-pandemija u l-miżuri ta' emerġenza adottati mill-gvernijiet madwar id-dinja sabiex jipprevjenu t-tixrid tal-virus ħolqu taqlib mingħajr preċedenti. Il-filosofu Edgar Morin kiteb li anki jekk dik il-pandemija ma hijiex l-ewwel fl-istorja umana, "in-novità radikali tagħha" tistrieħ fuq il-fatt li kkawżat "kriżi enormi" ikkostitwita minn kombinazzjoni ta' kriżijiet politiċi, ekonomiċi, soċjali, ekoloġiċi, nazzjonali [u] globali [...][2]. Il-pandemija kienet ukoll sfida maġġuri

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Morin, E., *Changeons de voie, les leçons du coronavirus* (Denoël, 2020), p. 25. (Traduzzjoni libera mit-test oriġinali bil-Franċiż: "la nouveauté radicale du Covid-19 tient à ce qu'il est à l'origine d'une mégacrise, faite de la combinaison de crises politiques, économiques, sociales, écologiques, nationales [et] planétaires [...]").

għal-liġi. Kummentatur osserva b'akkuratezza li hija "test ta' stress"[3] għal-liġi kuntrattwali sal-punt li tista' "tittestja serjament l-adegwatezza tal-leġiżlazzjoni attwali sabiex tipprovdi mezzi adegwati ta' rispons" għall-konsegwenzi tagħha[4].

2. Fost is-setturi l-iktar serjament u immedjatament affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 kien it-turiżmu. L-impatt ekonomiku huwa "mingħajr preċedent" fid-dawl tal-fatt li t-turiżmu huwa t-tielet l-ikbar kategorija ta' esportazzjoni, li kien jgħodd għal 7% tal-kummerċ globali fl-2019 u li "kull parti tal-katina tal-valur vasta tiegħu ġiet affettwata"[5]. Il-*lockdowns*, il-*curfews*, il-projbizzjonijiet ta' vvjaġġar u l-għeluq tal-konfini llimitaw b'mod kunsiderevoli l-kunċett innifsu ta' vvjaġġar, li huwa l-libertà tal-moviment. Bħala konsegwenza tar-restrizzjonijiet adottati mill-gvernijiet sabiex jillimitaw il-firxa tal-virus, l-operat tal-organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar, tat-trasportaturi u tan-negozji fis-settur ġenerali tat-turiżmu waqaf b'mod immedjat. Barra minn hekk, kellhom ukoll jaffaċċjaw kanċellamenti u talbiet għal rimbors vasti.

3. Dan il-każ jikkonċerna, b'mod iktar speċifiku, il-kwistjoni tal-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali li jipprovdu għal derogi temporanji mil-leġiżlazzjoni tal-konsumatur li tirregola kuntratti ta' pakkett tal-ivvjaġġar. Il-miżuri kkontestati ppermettew sabiex, *inter alia*, organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar joħorġu vawċer lil vjaġġaturi minflok rimbors bħala mezz li bih jimmaniġġjaw il-kwistjonijiet ta' likwidità immedjata tagħhom. Fid-dawl tal-kuntest tal-kriżi tas-saħħa, il-każ imur lil hinn mid-determinazzjoni tad-drittijiet fil-liġi tal-konsumatur tal-Unjoni. Iqajjem il-mistoqsija tal-limiti possibbli tal-adegwatezza tal-qafas legali eżistenti fit-trattament tal-pandemija tal-COVID-19. Imiss ukoll fuq il-portata tas-setgħat ta' emerġenza tal-Istati Membri fil-kuntest ta' "stat ta' emerġenza pandemika"[6].

## Il-qafas legali

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Id-Direttiva 2015/2302*

4. Il-premessi 31 u 40 tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (ĠU 2015 L 326, p. 1) huma fformulati kif ġej:

"(31) Il-vjaġġaturi […] [g]ħandu jkollhom ukoll id-dritt li jitterminaw il-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar mingħajr il-ħlas ta' tariffa ta' terminazzjoni fejn ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji jkunu ser jaffettwaw l-eżekuzzjoni tal-pakkett. Dan jista' jkopri pereżempju gwerra, problemi serji oħra ta' sigurtà bħat-terroriżmu, riskji sinifikanti għas-saħħa

[3] Twigg-Flesner, C., "The COVID-19 Pandemic – a Stress Test for Contract Law?", (2020) Journal of European Consumer and Market Law (EuCML), Vol. 9, pp. 89-92.

[4] Twigg-Flesner, C., "The Potential of the COVID-19 Crisis to Cause Legal 'Disruption' to Contracts' f'Hondius, E., Santos Silva, M., Nicolussi, A., Salvador Coderch, P., Wenderhorst, C. u Zoll, F. (edituri), *Coronavirus and the Law in Europe*, Intersentia, Cambridge, Antwerp, Chicago, 2021, pp. 1091, 1096.

[5] UNWTO, *Secretary General's Policy Brief on Tourism and Covid-19* (disponibbli fuq https://www.unwto.org/tourism-and-covid-19-unprecedented-economic-impacts).

[6] Greene, A., *Emergency Powers in A Time of Pandemic*, Bristol University Press, Bristol, 2020, p. 7.

tal-bniedem bħat-tfaqqigħ ta' mard serju fid-destinazzjoni tal-ivvjaġġar jew diżastri naturali bħal għargħar, terremoti jew kondizzjonijiet tat-temp li jagħmluha impossibbli li tivvjaġġa b'mod sikur għad-destinazzjoni kif maqbul fil-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar.

[…]

(40) Sabiex il-protezzjoni mill-insolvenza tkun effettiva, hija għandha tkopri l-ammonti prevedibbli ta' ħlasijiet affettwati mill-insolvenza tal-organizzatur u, fejn applikabbli, l-ispiża prevedibbli għar-ripatrijazzjonijiet. […] Madankollu, protezzjoni effettiva mill-insolvenza m'għandhiex tqis riskji remoti ħafna, pereżempju l-insolvenza simultanja ta' diversi mill-akbar organizzaturi, fejn jekk dan isir se jaffettwa b'mod sproporzjonat l-ispiża tal-protezzjoni, u b'hekk tiddgħajjef l-effettività tagħha. F'każijiet bħal dawn il-garanzija għar-rifużjonijiet tista' tkun limitata."

5. Il-punt 12 tal-Artikolu 3 ta' dik id-direttiva jiddefinixxi l-kunċett ta' "ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji" bħala li jfisser "sitwazzjoni lil hinn mill-kontroll tal-parti li tinvoka tali sitwazzjoni u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati anke jekk ikunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha".

6. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2015/2302, intitolat "Livell ta' armonizzazzjoni", jipprovdi:

"Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'din id-Direttiva, l-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet li jiddevjaw minn dawk stipulati f'din id-Direttiva, inkluż dispożizzjonijiet li jkunu iktar jew inqas stretti li jiżguraw livell differenti ta' protezzjoni tal-vjaġġatur."

7. L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302 jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar fi kwalunkwe ħin qabel il-bidu tal-pakkett. Fejn il-vjaġġatur jittermina l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar skont dan il-paragrafu, il-vjaġġatur jista' jkollu jħallas tariffa ta' terminazzjoni adatta u ġustifikabbli lill-organizzatur. […]

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-vjaġġatur għandu jkollu d-dritt li jittermina l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar qabel il-bidu tal-pakkett mingħajr ma jħallas ebda tariffa ta' terminazzjoni fil-każ ta' ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji li jseħħu fil-post tad-destinazzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu u li jaffettwaw sinifikament l-eżekuzzjoni tal-pakkett, jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti t-trasport tal-passiġġieri lejn id-destinazzjoni. F'każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar skont dan il-paragrafu, il-vjaġġatur għandu jkun intitolat għal rifużjoni sħiħa ta' kull pagament li sar għall-pakkett, iżda ma għandux ikun intitolat għal kumpens addizzjonali.

3. L-organizzatur jista' jittermina l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar u jagħti lill-vjaġġatur rifużjoni sħiħa ta' kull pagament li jkun sar għall-pakkett, iżda ma għandux ikun responsabbli għal kumpens addizzjonali, jekk:

[…]

(b) l-organizzatur ma jkunx jista' jwettaq il-kuntratt minħabba ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji u jinnotifika lill-vjaġġatur dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt mingħajr dewmien żejjed qabel il-bidu tal-pakkett.

4. L-organizzatur għandu jagħti kwalunkwe rifużjoni meħtieġa skont il-paragrafi 2 u 3 jew, fir-rigward tal-paragrafu 1, irodd lura kwalunkwe pagamenti li jkunu saru minn jew f'isem il-vjaġġatur għall-pakkett bit-tariffa adatta ta' terminazzjoni mnaqqsa. Dawn ir-rifużjonijiet jew rimborżi għandhom isiru lill-vjaġġatur mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 14-il jum wara li l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar ikun ġie tterminat.

[…]"

8. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2015/2302, intitolat "Effikaċja u kamp ta' applikazzjoni ta' protezzjoni mill-insolvenza", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom jipprovdu sigurtà għar-rifużjoni tal-pagamenti kollha magħmula minn jew f'isem vjaġġaturi sa fejn is-servizzi rilevanti ma jitwettqux bħala konsegwenza tal-insolvenza ta' tali organizzatur […]

[…]

2. Is-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun effettiva u għandha tkopri l-ispejjeż li huma raġonevolment prevedibbli […]

[…]"

9. L-Artikolu 23 tad-Direttiva 2015/2302, intitolat "Natura imperattiva tad-Direttiva", jipprovdi fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Il-vjaġġaturi ma jistgħux jirrinunzjaw id-drittijiet mogħtija lilhom mill-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.

3. Kwalunkwe arranġament kuntrattwali jew kwalunkwe dikjarazzjoni mill-vjaġġatur li direttament jew indirettament tirrinunzja jew tirrestrinġi d-drittijiet mogħtija lill-vjaġġaturi skont din id-Direttiva jew li għandha l-għan li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex tkun vinkolanti fuq il-vjaġġatur."

## Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

10. Ir-rikorrenti, Union fédérale des consommateurs – Que choisir (UFC – Que choisir) u Consommation, logement et cadre de vie (CLCV) huma assoċjazzjonijiet Franċiżi. Huma jikkontestaw il-legalità ta' atti varji, inkluż ordonnance n° 2020-315 du 25 mars 2020 relative aux conditions financières de résolution de certains contrats de voyages touristiques et de séjours en cas de circonstances exceptionnelles et inévitables ou de *force majeure* (id-Digriet Nru 2020-315 tal-25 ta' Marzu 2020 dwar il-kundizzjonijiet finanzjarji għat-terminazzjoni ta' ċertu kuntratti ta' vvjaġġar u vaganzi turistiċi fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u finanzjarji jew forza maġġuri, iktar 'il quddiem imsejjaħ id-"digriet ikkontestat").

11. Id-digriet ikkontestat ġie adottat fuq il-bażi tas-setgħa mogħtija lill-Gvern Franċiż permezz tal-loi du 23 mars 2020 d'urgence pour faire face à l'épidémie de covid-19 (il-Liġi tat-23 ta' Marzu 2020 dwar Miżuri ta' Emerġenza b'Rispons għat-Tifqigħa tal-COVID-19) "sabiex titratta l-konsegwenzi ekonomiċi, finanzjarji u soċjali tal-imxija tal-epidemija tal-COVID-19 u

l-konsegwenzi tal-miżuri mittieħda sabiex tiġi limitata dik l-imxija, u b'mod partikolari sabiex tipprevjeni u tillimita l-waqfa tal-operat min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi involuti f'attività ekonomika u ta' assoċjazzjonijiet, kif ukoll tal-impatt tagħha fuq l-impjieg".

12. L-Artikolu 1, paragrafu II tad-digriet ikkontestat jipprovdi għal deroga minn ċertu dispożizzjonijiet tal-Artikolu L.211-14 tal-code du tourisme (il-Kodiċi tat-Turiżmu), li jittrasponi l-Artikolu 12(1) sa (4) tad-Direttiva 2015/2302. Jistabbilixxi li fejn kuntratt ta' bejgħ ta' vvjaġġar u vaganzi jiġi tterminat bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-15 ta' Settembru 2020, "l-organizzatur jew bejjiegħ bl-imnut jista' joffri, minflok rifużjoni tal-ammont sħiħ ta' kwalunkwe pagamenti li saru, vawċer", għal ammont ekwivalenti għall-ammont sħiħ ta' kwalunkwe pagamenti li saru skont il-kuntratt itterminat. Dik l-offerta għandha ssir l-aktar tard fi żmien perijodu ta' tliet xhur min-notifika ta' terminazzjoni tal-kuntratt u hija valida għal perijodu ta' 18-il xahar. Huwa biss fl-aħħar ta' dak il-perijodu ta' 18-il xahar u jekk il-klijent ma jaċċettax servizz identiku jew ekwivalenti għal dak ipprovdut mill-kuntratt rexiż u offrut lill-klijent, li l-professjonist ikun meħtieġ li jirrifondi lill-klijent l-ammont sħiħ tal-pagamenti magħmula.

13. Il-qorti tar-rinviju tispjega li d-dispożizzjonijiet tad-digriet ikkontestat ġew adottati sabiex jissalvagwardjaw il-fluss tal-flus u l-likwidità tal-fornituri ta' servizz koperti minn dak id-digriet, f'ċirkustanzi fejn iktar minn 7 000 operatur ta' vvjaġġar u vaganzi rreġistrati ġewwa Franza sabu lilhom infushom f'diffikultà sejra. Fil-fatt, minħabba li l-pandemija tal-COVID-19 affettwat simultanjament mhux biss Franza u l-maġġoranza tal-pajjiżi fl-Ewropa iżda wkoll kważi l-kontinenti kollha, l-operaturi turistiċi kellhom jaffaċċjaw kanċellamenti ta' prenotazzjonijiet fuq skala mingħajr preċedent u kellhom jittrattaw ma' assenza ta' prenotazzjonijiet ġodda. F'dawk iċ-ċirkustanzi, rifużjoni immedjata fir-rigward tas-servizzi kkanċellati kollha kien kapaċi jipperikola l-operaturi ekonomiċi kkonċernati u, konsegwentement, il-possibilità għall-klijenti li jkunu jistgħu jiksbu rifużjoni ta' kwalunkwe pagamenti li saru.

14. Il-qorti tar-rinviju tgħid ukoll illi l-valur tal-vawċers maħruġa mill-operaturi tal-ivvjaġġar Franċiżi sal-15 ta' Settembru 2020, meta d-digriet ikkontestat waqaf milli jkollu effett, ammonta għal madwar EUR 990 miljun, li jirrappreżenta madwar 10% tad-dħul tas-settur f'sena normali.

15. Skont is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti quddiem il-qorti tar-rinviju, id-dispożizzjonijiet tad-digriet ikkontestat jiksru l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302. Dak l-artikolu jistabbilixxi d-dritt tal-vjaġġatur, fil-każ ta' terminazzjoni ta' kuntratt ta' pakkett ta' vvjaġġar, li jiġi pprovdut b'rifużjoni tal-ammont sħiħ ta' kwalunkwe pagamenti magħmula skont dak il-kuntratt f'perijodu ta' 14-il jum wara t-terminazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jargumentaw li tali dispożizzjonijiet jimminaw il-kompetizzjoni ħielsa fis-suq uniku u l-oġġettiv tal-armonizzazzjoni ta' dik id-direttiva.

16. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u jirreferi s-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

"(1) L-Artikolu 12 [tad-Direttiva 2015/2302] għandu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-organizzatur ta' pakkett tal-ivvjaġġar, fil-każ ta' xoljiment tal-kuntratt, jirrimborsa fi flus il-ħlasijiet kollha li saru fir-rigward tal-pakkett tal-ivvjaġġar, jew fis-sens li jawtorizza rimbors ekwivalenti, b'mod partikolari fil-forma ta' vawċer ta' ammont ugwali għall-ammont tal-ħlasijiet li saru?

(2) Fil-każ li dawn ir-rimborsi jitqiesu li huma rimbors fi flus, il-kriżi sanitarja marbuta mal-epidemija tal-covid-19 u l-konsegwenzi tagħha fuq l-operaturi ta' vjaġġi li, minħabba din il-kriżi, ġarrbu tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tagħhom li jista' jiġi stmat bejn 50 % u 80 %, u li jirrappreżentaw iktar minn 7 % tal-prodott domestiku gross fi Franza u li, fir-rigward ta' operaturi tal-pakketti tal-ivvjaġġar, jimpjegaw 30 000 persuna fi Franza għal dħul mill-bejgħ ta' kważi EUR 11-il biljun, huma ta' natura li jiġġustifikaw u, skont il-każ f'liema kundizzjonijiet u f'liema limiti, deroga temporanja mill-obbligu għall-organizzatur li jirrimborsa lill-vjaġġatur il-ħlasijiet kollha li saru għall-pakkett tal-ivvjaġġar f'terminu ta' erbatax-il jum wara x-xoljiment tal-kuntratt, previst fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302?

(3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda preċedenti, huwa possibbli, fiċ-ċirkustanzi li għadhom kif tfakkru, li jiġu aġġustati l-effetti temporali ta' deċiżjoni li tannulla att tad-dritt nazzjonali li jmur kontra l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302?"

17. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew sottomessi mill-Union Fédérale des consommateurs - Que choisir (UFC – Que choisir) u L'Association Consommation, logement et cadre de vie (CLCV), il-Gvern Belġjan, Ċek, Daniż, Franċiż, Taljan, Slovakk u Finlandiż, u l-Kummissjoni Ewropea. Bl-eċċezzjoni tal-Gvern Daniż u Finlandiż, dawk il-partijiet kienu wkoll irrappreżentati fis-smigħ li seħħ fl-1 ta' Ġunju 2022.

## Analiżi

### *L-ewwel domanda*

18. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 għandux jiġi interpretat bħala li jobbliga l-organizzatur ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, fil-każ tat-terminazzjoni tal-kuntratt, li jipprovdi rifużjoni sħiħa fi flus ta' kwalunkwe pagamenti magħmula, jew bħala li jawtorizza alternattiva, b'mod partikolari fil-forma ta' vawċer għal ammont ekwivalenti ta' kwalunkwe pagamenti magħmula.

19. F'dik il-konnessjoni, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302 jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fir-rigward tat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar. B'mod iktar speċifiku, il-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji, it-tieni u t-tielet paragrafu ta' dak l-artikolu jintitolaw kemm lil-vjaġġatur kif ukoll lill-organizzatur biex jitterminaw il-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih. It-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar jagħti lok għall-obbligu tal-organizzatur biex jipprovdi rifużjoni sħiħa ta' kwalunkwe pagamenti magħmula għall-pakkett tal-ivvjaġġar mill-vjaġġatur. Ir-rifużjoni, skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302, għandu jsir "mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 14-il jum wara li l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar ikun ġie tterminat".

20. Id-Direttiva 2015/2302 ma tipprovdix definizzjoni tal-kunċett ta' "rifużjoni", u lanqas ma tirreferi espressament għad-dritt tal-Istati Membri f'dak ir-rigward. F'tali każ, il-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju ta' trattament ugwali jirrikjedu li l-formulazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandha normalment tingħata interpretazzjoni indipendenti u uniformi madwar l-Unjoni. F'dik il-konnessjoni, hija ġurisprudenza stabbilita li t-tifsira u l-għan tat-termini għal-liem id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdi l-ebda definizzjoni għandhom jiġu ddeterminati billi wieħed jikkunsidra t-tifsira normali tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih iseħħu u l-għanijiet

tar-regoli li minnhom jiffurmaw parti[7].

21. Fl-ewwel lok, għandu jiġi nnotat li skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2015/2302 ir-"rifużjoni" jikkonċerna "kull pagament li sar għall-pakkett". Dak jirrifletti t-tifsira tal-kelma "rifużjoni" fil-lingwaġġ ta' kuljum, li tirreferi għal ammont ta' flus li jiġu mħallsa lura lil xi ħadd. Fil-lingwa Ingliża t-terminu "refund" ("rifużjoni") huwa użat b'mod iktar partikolari meta pagament huwa dovut "speċjalment għax int tkun ħallast iżżejjed jew m'intix kuntent bi prodott jew servizz"[8]. Dik il-fehma tal-kelma "rifużjoni" tikkorrispondi ma' verżjonijiet ta' lingwi varji ta' dik id-dispożizzjoni[9]

22. Għalhekk, "ir-rifużjoni" ta' kwalunkwe pagamenti li twettqu ma jistgħux jiġu mifthiema bħala li tippermetti lill-organizzatur sabiex jipprovdi forma *ddifferita* ta' pagament, bħal vawċer.

23. Fit-tieni lok, dik it-tifsira hija kkonfermata mill-kuntest tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302, li jifforma parti mill-Kapitolu III ta' dik id-direttiva. Fl-istess kapitolu, l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2015/2302 jirregola l-bidla ta' kundizzjonijiet oħra tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar. Dak l-artikolu jipprovdi, fil-paragrafu 2, li f'ċertu ċirkustanzi, inkluż fil-każ li l-organizzatur ikun obbligat li jibdel b'mod sinjifikattiv xi waħda mill-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi tal-ivvjaġġar kif imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2015/2302, il-vjaġġatur jista' jaċċetta t-tibdil propost jew jittermina l-kuntratt mingħajr ma jħallas tariffa ta' terminazzjoni. Jekk il-vjaġġatur jittermina l-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, il-vjaġġatur *jista' jaċċetta* pakkett ta' sostituzzjoni fejn dan huwa offrut mill-organizzatur. L-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2015/2302 jipprovdi li jekk il-vjaġġatur ma jaċċettax pakkett ta' sostituzzjoni, l-organizzatur għandu jirrifondi l-pagamenti kollha magħmula mill-vjaġġatur. Kif innota l-Gvern Franċiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, dik id-dispożizzjoni tkun nieqsa minn kwalunkwe effett jekk l-organizzatur ikun permess li jipprovdi lill-vjaġġatur b'vawċer minflok irodd lura kwalunkwe pagamenti magħmula. Isegwi minn dik id-dispożizzjoni li, fi ħdan l-iskema tad-Direttiva 2015/2302, "ir-rifużjoni" lill-vjaġġatur tkopri d-dritt tiegħu li jirċievi pagamenti magħmula fi flus. Kwalunkwe forma oħra tal-pakkett tal-ivvjaġġar ta' sostituzzjoni jew vawċer ma għandhiex, imbagħad, tiġi meqjusa bħala ekwivalenti għal "rifużjoni".

24. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 jipprovdi li r-rifużjoni għandha ssir "mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 14-il jum wara li l-kuntratt ta' pakkett ta' vjaġġar ikun ġie tterminat". Kif il-Kummissjoni tinnota, essenzjalment, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, isegwi minn dik id-dispożizzjoni li l-vjaġġatur huwa intitolat li jirċievi l-flus mill-ewwel sabiex ikun jista' jiddisponi minnhom immedjatament u skont ix-xewqat tiegħu.

25. Dik l-interpretazzjoni ssib ukoll sostenn fl-oriġini tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302, li huma kkuntrastati mal-isfond tal-modernizzazzjoni tar-regoli li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 90/314[10]. L-Artikolu 4(6) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/314 jipprovdi li jekk konsumatur jirtira mill-kuntratt f'każ ta' tibdil sinjifikattiv tal-pattijiet tal-pakkett jew jekk, għal kwalunkwe raġuni, minbarra t-tort tal-konsumatur, l-organizzatur jikkanċella l-pakkett qabel id-data tat-tluq

[7] Ara s-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Kuoni Travel (C-578/19, EU:C:2021:213, punti 36 u 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[8] Definizzjoni tal-kelma "refund" ("rifużjoni") skont id-Dizzjunarju ta' Cambridge.

[9] Dak huwa l-każ għat-terminu Franċiż "remboursement", it-terminu Ġermaniż "Erstattung", it-terminu Spanjol "reembolso" jew it-terminu Latvjan "atmaksa".

[10] Id-Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (*package travel*), il-vaganzi kollox kompriż u t-*tours* kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132).

mifthiema, il-konsumatur għandu jkollu d-dritt jew li jieħu pakkett ta' sostituzzjoni jew li jitħallas lura malajr kemm jista' jkun s-somom kollha li jkun ħallas skont il-kuntratt. L-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 jipprovdi, madankollu, għal għażla waħda biss, jiġifieri dik ta' "rifużjoni" ta' kwalunkwe pagamenti magħmula. Ma hemm xejn li jindika li tali "rifużjoni" jista' jiġi ssostitwit kontra r-rieda tal-vjaġġatur b'vawċer jew kwalunkwe sostitut ieħor għall-pagament fi flus.

26. Strumenti oħra leġiżlattivi fil-qasam tad-drittijiet tal-vjaġġatur u tal-konsumatur jagħmlu dispożizzjoni espliċita għal vawċer bħala forma ta' rimbors iżda biss bħala *għażla* għall-vjaġġatur. Dak huwa l-każ fir-rigward ta' drittijiet ta' passiġġieri tal-ajru stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 261/2004[11]. L-Artikolu 7(3) ta' dak ir-regolament jiddistingwixxi bejn żewġ possibbiltajiet għall-kumpens: jew fi flus (permezz ta' trasferiment tal-bank elettroniku, ordnijiet tal-bank jew ċekkijiet tal-bank) jew, bil-*ftehim iffirmat* tal-passiġġier, f'vawċers għal vjaġġ u/jew servizzi oħrajn. Fir-rigward tad-drittijiet ta' passiġġieri tal-ferrovija, l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1371/2007[12] jipprovdi li kumpens jista' jitħallas f'vawċers u/jew servizzi oħra jekk it-termini huma flessibbli (b'mod partikolari fir-rigward tal-perijodu ta' validità u d-destinazzjoni). Il-kumpens għandu jitħallas fi flus fuq it-*talba* tal-passiġġier. L-istess dritt huwa stabbilit fir-rigward tal-passiġġieri tal-baħar skont l-Artikolu 19(5) tar-Regolament Nru 1177/2010[13]. Fl-aħħar, fil-qasam tad-drittijiet tal-konsumatur previsti fid-Direttiva 2011/83/UE[14], isegwi biċ-ċar mill-premessa 46 ta' dik id-direttiva li r-rimbors tal-pagamenti li waslu mingħand il-konsumatur ma għandux isir permezz ta' vawċer sakemm il-konsumatur ma jkunx uża vawċers għall-ewwel tranżazzjoni jew espressament *aċċettahom*.

27. Fl-aħħar, l-interpretazzjoni skont liem rifużjoni permezz ta' vawċer mandatorju ma huwiex kompatibbli mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302 hija sostnuta mill-*oġġettiv* segwit minn dik id-direttiva. Kif jingħad fil-premessa 7 ta' dik id-direttiva, il-maġġoranza tal-vjaġġaturi li jixtru pakketti huma konsumaturi fis-sens tat-tifsira tad-dritt tal-Unjoni dwar il-konsumatur. Id-Direttiva 2015/2302 hija miżura li tfittex biex tilħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur skont il-qari konġunt tal-Artikoli 169(1), 169(2)(a) u 114(3) TFUE, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[15]. Interpretazzjoni wiesgħa tat-terminu "rifużjoni" biex jinkludi vawċers ikun iwassal li jiġi mminat dak l-oġġettiv.

28. Il-Gvern Slovakk jieħu fehma differenti għal dak issuġġerit f'dawn il-konklużjonijiet. Jargumenta li xi verżjonijiet lingwistiċi, inkluż il-verżjoni bl-Ingliż, jiddistingwixxu bejn ir-"rifużjoni" u r-"rimbors" ta' kwalunkwe pagamenti magħmula. Fil-fehma tiegħu, isegwi mill-użu taż-żewġ termini differenti li "rimborsi" għandhom isiru fi flus filwaqt li "rifużjoni" għandha tinkludi wkoll offerta ta' vawċer (fuq l-għażla tal-organizzatur). L-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 jirreferi għall-obbligu tal-organizzatur li jipprovdi kwalunkwe "rifużjonijiet" meħtieġa skont il-paragrafi 2 u 3 jew, fir-rigward tal-paragrafu 1, "jirrimborsa" kwalunkwe pagamenti magħmula mill-vjaġġatur għall-pakkett bit-tnaqqis tat-tariffa tat-terminazzjoni xierqa. L-obbligu li jiġi pprovdut "rimbors" jirriżulta meta l-kuntratt ta' pakkett

11 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol 8, p. 10).

12 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU 2007, L 315, p. 14).

13 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU 2010, L 334, p. 1).

14 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 304, p. 64).

15 Direttiva 2015/2302, premessa 3.

tal-ivvjaġġar ikun itterminat, *inter alia*, fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji, skont l-Artikolu 12(2) u (3) tad-Direttiva 2015/2302. L-obbligu li jitwettqu "rimborsi" jiskatta meta l-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar ikun itterminat mill-vjaġġatur inkambju, skont il-każ, għal ħlas ta' tariffa ta' terminazzjoni ġustifikabbli u xierqa.

29. Madankollu, ma hemm xejn fl-użu tat-termini "rifużjoni" u "rimbors" li jindika li l-organizzatur huwa intitolat li joħroġ rifużjoni fil-forma ta' vawċer mandatorju. Kif innotajt fil-punt 21 iktar 'il fuq, it-terminu "rifużjoni" bl-Ingliż ifisser ir-rimbors ta' flejjes u huwa iktar użat b'mod partikolari fejn il-persuna li tkun qiegħda titlob il-flus lura ma tkunx issodisfatta bi prodott jew servizz.

30. Fi kwalunkwe każ, hija ġurisprudenza stabbilita li l-formulazzjoni użat f'verżjoni ta' lingwa waħda ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala l-unika bażi għall-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni jew tintuża biex tegħleb il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra[16]. Fil-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża, Griega jew Spanjola, l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 juża l-istess terminu għar-rimbors ta' kwalunkwe pagamenti rċevuti irrispettivament mir-raġuni għat-terminazzjoni tal-kuntratt. Għalhekk, l-użu taż-żewġ termini f'xi verżjonijiet tal-lingwa ma jistax iwassal għal xi konklużjoni differenti minn x'jista' jiġi dedott biċ-ċar mill-kuntest u l-għan ta' dik id-direttiva.

31. Għalhekk, jien tal-fehma li l-obbligu tal-organizzatur sabiex jipprovdi rifużjoni lill-vjaġġatur skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 ikopri biss rimbors fi flus, u jeskludi kwalunkwe alternattiva imposta mill-organizzatur, b'mod partikolari fil-forma ta' vawċer.

32. Il-vjaġġatur ma jistax jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jirċievi rimbors fi flus. Fil-fatt, skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2015/2302, il-vjaġġaturi ma jistgħux jirrinunzjaw id-drittijiet mogħtija lilhom mill-miżuri nazzjonali li jittrasponu dik id-direttiva. Madankollu, in-natura imperattiva tad-Direttiva 2015/2302 ma jimpedix l-organizzatur milli joffri lill-vjaġġatur vawċer *fakultattiv* li huwa liberu li jaċċetta *wara* li jseħħ l-avveniment li jagħti lok għad-dritt li jirċievi rifużjoni. Kif tikkjarifika r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2020/648[17], l-offerta mill-organizzatur ta' vawċer "ma ċċaħħadx lill-vjaġġaturi mid-dritt tagħhom għal rimborż fi flus". Għalhekk, vawċer mandatorju ma huwiex kompatibbli man-natura imperattiva tad-Direttiva 2015/2302.

33. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nikkonkludi li l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 għandu jiġi interpretat bħala li jobbliga lill-organizzatur ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, fil-każ tat-terminazzjoni tal-kuntratt, biex jipprovdi rifużjoni fi flus ta' kwalunkwe pagamenti magħmula u bħala li jipprekludi lil dak l-organizzatur milli jimponi alternattiva, b'mod partikolari fil-forma ta' vawċer għal ammont ekwivalenti għal kwalunkwe pagamenti magħmula. Madankollu, dik id-dispożizzjoni ma twaqqafx lill-vjaġġatur milli jagħżel li jirċievi tali vawċer wara li jseħħ l-avveniment li jagħti lok għal dritt ta' rifużjoni.

16 Sentenza tas-7 ta' April 2022, I (Eżenzjoni tas-servizzi tal-isptarijiet mill-VAT) (C-228/20, EU:C:2022:275, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2020 dwar vouchers offruti lill-passiġġieri u lill-vjaġġaturi bħala alternattiva għar-rimborż ta' pakketti tal-ivvjaġġar u servizzi tat-trasport ikkanċellati fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, C/2020/3125 (ĠU 2020, L 151, p. 10) (iktar 'il quddiem "ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers"), punti 9 u 15.

## *It-tieni domanda*

34. Jekk l-ewwel domanda hija mwieġba fl-affermattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kriżi tas-saħħa relatata mal-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt straordinarju li kellha fuq is-settur tat-turiżmu jiġġustifikawx deroga u, jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet u suġġetta għal liema limitazzjonijiet, mill-obbligu tal-organizzatur li jirrifondi lill-vjaġġatur l-ammont sħiħ ta' kwalunkwe pagamenti magħmula għall-pakkett tal-ivvjaġġar fi żmien 14-il jum wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, kif stabbilit fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302.

35. Sabiex nagħti risposta utli lid-domanda tal-qorti tar-rinviju, ser neżamina, min-naħa l-oħra, aspetti differenti tal-impatt tal-emerġenza tas-saħħa pubblika fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet previsti fid-Direttiva 2015/2302. L-ewwel wieħed huwa jekk restrizzjonijiet potenzjali fuq il-libertà tal-moviment adottati mill-Istati Membri minħabba l-pandemija tal-COVID-19 jistgħux jiġġustifikaw deroga mill-obbligu tal-organizzatur li jipprovdi rifużjoni. It-tieni wieħed jirrelata mal-mistoqsija jekk il-pandemija hijiex sitwazzjoni barra l-ambitu taċ-ċirkustanzi "inevitabbli u straordinarji" previsti mid-Direttiva 2015/2302. It-tielet wieħed huwa l-applikabbiltà tad-Direttiva 2015/2302 fil-kuntest ta' pandemija. Ir-raba' wieħed huwa jekk emerġenza ta' saħħa pubblika tistax tiġġustifika deroga minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni minħabba forza maġġuri.

### *(a) Ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu u l-impatt fuq id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw skont id-dritt sekondarju tal-Unjoni*

36. Kwistjoni preliminari li għandha tiġi indirizzata fir-rigward ta' deroga potenzjali mid-dritt tal-Unjoni fid-dawl ta' pandemija tirrigwarda l-impatt ta' kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, politika pubblika u sigurtà pubblika tista' tiġġustifika r-restrizzjoni tad-drittijiet u libertajiet fuq il-moviment liberu tal-persuni [18]. Theddida serja għall-politika pubblika jew sigurtà interna tista' tiġġustifika l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja ta' kontrolli fil-fruntieri fi fruntieri interni skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen [19]. Barra minn hekk, "f'sitwazzjoni estremament kritika, Stat Membru jista' jidentifika l-ħtieġa li jintroduċi mill-ġdid kontrolli fil-fruntieri bħala reazzjoni għar-riskju li tkun qed tippreżenta marda li tittieħed" [20]. Il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 168(7) TFUE, tista' tiġġustifika l-adozzjoni ta' iktar restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu. Tali restrizzjonijiet għandhom madankollu "jirrispettaw il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proporzjonalità u

[18] Ara, Koutrakos, P., Nic Shuibhne, N. u Syrpis, P. (Edituri), *Exceptions from EU Free Movement Law – Derogations, Justification and Proportionality*, Hart Publishing, 2016.

[19] Artikolu 25 *et seq.* tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016 L 77, p. 1, rettifika fil-ĠU 2020, L 245, p. 32). Kif il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet u kif huwa nnotat fil-premessa 27 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, eċċezzjonijiet u derogi għall-moviment liberu tal-persuni għandhom jiġu interpretati b'mod strett (sentenza tas-26 ta' April 2022, Landespolizeidirektion Steiermark (Tul massimu ta' kontroll fil-fruntieri interni), C-368/20 u C-369/20, EU:C:2022:298, punt 64).

[20] Il-Kummissjoni Ewropea, COVID-19 Linji gwida għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali (ĠU 2020 C 86 I, p. 1), punt 18.

n-nondiskriminazzjoni”[21]. Waqt il-pandemija, l-Unjoni fittxet li tevita l-impatt ta’ miżuri unilaterali mill-Istati Membri, li kienu sors ta’ tfixkil sinjifikattiv għan-negozji u ċ-ċittadini, u taċċerta koordinazzjoni bejn Stati Membri[22].

37. Id-domanda speċifika mressqa minn dan il-każ huwa jekk deroga ġġustifikata mil-libertà tal-moviment fl-Unjoni tista’ b’mod simili tiġġustifika iktar derogi minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, li tippreżumi l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu. F’dak ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li d-Direttiva 2015/2302 tarmonizza d-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn kuntratti relatati ma’ vjaġġar organizzat sabiex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta’ suq intern reali għall-konsumatur[23].

38. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet l-Istati Membri jerġgħu jintroduċu kontrolli fil-fruntieri u jadottaw iktar miżuri ta’ saħħa pubblika li kellhom impatt sinjifikattiv fuq il-moviment liberu ta’ persuni u servizzi. Taħt tali ċirkustanzi, jista’ jiġi argumentat li jekk Stati Membri huma kapaċi jiġġustifikaw, eċċezzjonalment, ir-restrizzjoni tal-moviment liberu, huma għandhom jiġu intitolati li jadottaw iktar miżuri fil-qasam tad-dritt sekondarju armonizzat tal-Unjoni li jippreżumi moviment liberu sabiex jindirizza l-effetti “*imnissla*” mir-restrizzjonijiet fuq dik il-libertà.

39. Madankollu, jekk tali eċċezzjoni wiesgħa, mhux prevista fit-Trattati, tiġi rrikonoxxuta, tfixkel is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, in-natura vinkolanti tiegħu u l-applikazzjoni uniformi tiegħu. Segwita sal-konklużjoni loġika tagħha sħiħa, tali eċċezzjoni tista’ timplika li waqt emerġenza tas-saħħa pubblika d-dritt tal-Unjoni ma huwiex applikabbli[24].

40. Minflok, mill-bidu tal-pandemija, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fittxew li jippromwovu koordinazzjoni. Azzjonijiet unilaterali li għalihom daru ċertu Stati Membri fil-bidu tal-pandemija progressivament ġew issostitwiti minn miżuri kkoordinati[25]. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni tenfasizza f’waħda mill-komunikazzjonijiet tagħha relatati mal-istrateġija tal-vaċċin tal-Unjoni, “is-sinsla tar-rispons Ewropew b’saħħtu għall-pandemija tal-COVID-19 kienet l-unità u l-preservazzjoni tal-funzjoni tas-Suq Uniku”[26]. Għandu jiġi nnotat ukoll li r-rispons ta’ rkupru għall-kriżi tal-COVID-19 ta lok għall-ikbar pakkett ta’ stimolu li qatt kien hemm, in-NextGenerationEU.

41. Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, jiena nieħu l-fehma li kwalunkwe derogi mid-dritt tal-Unjoni dwar il-libertà ta’ moviment ma jistgħux jiġġustifikaw derogi minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni u, b’mod iktar speċifiku, mid-dritt tal-vjaġġatur li jirċievi rifużjoni, kif previst fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302.

42. Wara li kkunsidrajt dik il-kwistjoni preliminari, ser neżamina kif l-emerġenza ta’ saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 tidħol fis-sistema tad-Direttiva 2015/2302.

[21] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta’ Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b’reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU 2020, L 337, p. 3.), premessa 10.

[22] *Ibid.*, premessi 11 u 12.

[23] Ara l-premessa 5 tad-Direttiva 2015/2302.

[24] Ara d-Dikjarazzjoni 20/567 mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, dwar miżuri ta’ emerġenza fi Stati Membri tal-31 ta’ Marzu 2020 li fiha tinnota: “[…] Irridu naħdmu lkoll flimkien sabiex nirbħu din il-kriżi. Fuq din it-triq, ser inħarsu l-valuri Ewropej tagħna u d-drittijiet tal-bniedem. Dan huwa min aħna, u dan huwa f’hiex nemmnu”.

[25] Ara n-noti ta’ qiegħ il-paġna 20 u 21 iktar ’il fuq. *Ara* Dubout E., Picod F., “L’Union européenne au défi du coronavirus: le passage au ‘monde d’après’?” *f*’Dubout E., Picod F. (dir.), *Coronavirus et droit de l’Union européenne*, Bruylant, 2021, *p. 15*, f’p. 19.

[26] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, Front magħqud biex negħlbu l-COVID-19, COM/2021/35 final.

*b) "Ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" u "forza maġġuri"*

43. Id-Direttiva 2015/2302 tipprovdi, fl-Artikolu 12(2) tagħha, għad-dritt tal-vjaġġatur li jittermina l-kuntratt mingħajr ma jħallas tariffa ta' terminazzjoni fil-każ ta' "ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji li jseħħu fil-post tad-destinazzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu u li jaffettwaw sinifikament l-eżekuzzjoni tal-pakkett, jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti t-trasport tal-passiġġieri lejn id-destinazzjoni". L-organizzatur jista' wkoll jittermina l-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, skont l-Artikolu 12(3)(b) ta' dik id-direttiva fejn, *inter alia*, l,-organizzatur ma jkunx jista' jwettaq il-kuntratt minħabba "ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji". Fi kwalunkwe każ, il-vjaġġatur għandu dritt li jirċievi rifużjoni sħiħa ta' kwalunkwe pagamenti magħmula. Sabiex jiġi ddeterminat id-dritt tal-vjaġġatur biex jirċievi rifużjoni skont dik id-direttiva fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ddeterminat, mill-bidu, jekk dik il-pandemija għandhiex tiġi meqjusa bħala koperta, b'mod ġenerali, mill-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji"[27].

44. Il-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" huwa mfisser fil-punt 12 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/2302 bħala "sitwazzjoni lil hinn mill-kontroll tal-parti li tinvoka tali sitwazzjoni u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati anke jekk ikunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha". Il-premessa 31 ta' dik id-direttiva tagħti xi eżempji ta' avvenimenti li jaqgħu fi ħdan dak il-kunċett, inkluż "riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem bħat-tfaqqigħ ta' mard serju fid-destinazzjoni tal-ivvjaġġar". It-tfaqqigħ tal-pandemija tal-COVID-19 ippreżenta riskji sinjifikattivi għas-saħħa tal-bniedem mhux biss fid-destinazzjoni tal-ivvjaġġar inkwistjoni iżda fuq livell dinji. Pandemija tissodisfa, b'mod ġenerali, l-elementi kostitwenti tad-definizzjoni ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji". Fil-fatt, hija sitwazzjoni lil hinn mill-kontroll ta' kulħadd u l-konsegwenzi ta' liema ma setgħux jiġu evitati anke kieku kienu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha.

45. Il-Gvern Franċiż jargumenta, madankollu, li l-pandemija tikkostitwixxi sitwazzjoni ta' *forza maġġuri* li ma tistax tiġi assimilata maċ-"ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" previsti f'dik id-direttiva. Dak il-gvern jikkontendi, essenzjalment, li l-iskala straordinarja tal-pandemija tal-COVID-19 tagħmilha sitwazzjoni li tmur *lil hinn* minn "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji". Il-Gvern Ċek, Taljan u Slovakk jissottomettu li d-Direttiva 2015/2302 ma tapplikax għall-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk l-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jipprovdu għal obbligi kuntrattwali differenti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 12(4) ta' dik id-direttiva.

46. B'sostenn għall-pożizzjoni tiegħu, il-Gvern Franċiż ifakkar li l-elementi kostitwenti tal-kunċett ta' forza maġġuri, li, skont il-ġurisprudenza, ikopri "ċirkustanzi esterni għal min jinvokahom, anormali u imprevedibbli, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja d-diliġenza kollha użata"[28]. Dak il-gvern jisħaq li l-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" ma "jissostitwix fl-intier tiegħu" il-kunċett ta' forza maġġuri, li jibqa' lil hinn mill-ambitu tad-Direttiva 2015/2302.

47. F'dak ir-rigward, il-Gvern Franċiż josserva li l-kunċett ta' forza maġġuri huwa nieqes mill-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302. Barra minn hekk, jinnota li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" skont il-punt 12 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2015/2302 ma hijiex identika għall-kunċett ta' forza maġġuri peress li ma tirrikjedix li tali ċirkustanzi jkunu

[27] L-analiżi hija mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni individwali taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ biex jiġi ddeterminat jekk il-pandemija tistax tiġi invokata sabiex tagħti lok għad-dritt li jiġi tterminat il-kuntratt, skont l-Artikolu 12(2) u (3) tad-Direttiva 2015/2302.

[28] Sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, Vilkas (C-640/15, EU:C:2017:39, punt 53).

"anormali u imprevedibbli". Fil-fehma tiegħu, qari konġunt tal-Artikolu 12(4) u l-premessa 31 tad-Direttiva 2015/2302 isostni l-konklużjoni li dik id-direttiva tkopri avvenimenti straordinarji li huma iżolati u limitati fl-ispazju u l-ħin. Jikkunsidra li dik id-direttiva ma tipprevedix avvenimenti straordinarji ta' impatt u skala fuq livell dinji. Jissottometti li tali interpretazzjoni hija kompatibbli mal-effett utli tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302 li huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-organizzatur jista' jiflaħ il-konsegwenzi finanzjarji tat-terminazzjoni tal-kuntratt minħabba ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji. Jekk dik id-dispożizzjoni kellha tapplika anki fil-kuntest ta' pandemija li ġġib l-attività kummerċjali ta' organizzaturi ta' pakkett tal-ivvjaġġar wieqfa għalkollox, dan ikun jikkontradixxi l-oġġettiv segwit minn dik id-direttiva, li huwa li jippreżerva l-kompetittività tan-negozji filwaqt li jaċċerta livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

48. F'dak ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, peress li l-kunċett ta' forza maġġuri ma għandux l-istess kamp ta' applikazzjoni fl-isferi varji ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, it-tifsira tiegħu għandha tiġi ddeterminata b'referenza għall-kuntest legali li fih ikun ser jopera[29]. Fil-fehma tiegħi, fi ħdan il-kuntest legali tad-Direttiva 2015/2302, il-kunċett ta' forza maġġuri huwa kopert mill-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji".

49. Bħala punt preliminari, kif diġà semmejt, il-pandemija tissodisfa, b'mod ġenerali, l-elementi kostitwenti tad-definizzjoni ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji". Ma hemm xejn fid-Direttiva 2015/2302 li jindika li avveniment li jaqa' fi ħdan dak il-kunċett għandu madankollu jkun eskluż jekk huwa avveniment fuq skala kbira jew jekk huwa partikolarment straordinarju. Ma iniex konvinta li konklużjoni differenti tista' tirriżulta mill-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2015/2302, li jistabbilixxi d-dritt tal-vjaġġatur li jittermina l-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar fil-każ ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li jseħħu fil-post tad-destinazzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu". Fil-fatt dik il-parti tas-sentenza tagħmel enfasi fuq il-ħtieġa li tiġi eżaminata s-sitwazzjoni fil-post fejn il-pakkett tal-ivvjaġġar għandu jitwettaq, jiġifieri l-post tad-destinazzjoni, sabiex tiġi evalwata l-okkorrenza ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji. Dan ma huwiex intiż, madankollu, biex jeskludi avvenimenti li ma jseħħux mhux biss fil-post tad-destinazzjoni iżda wkoll x'imkien ieħor.

50. Imbagħad, nikkunsidra importanti li ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja titratta b'kawtela tentattivi minn trasportaturi biex jinvokaw kategorija separata ta' avvenimenti partikolarment straordinarji li tippermettilhom li jaħarbu l-obbligi tagħhom. F'dan ir-rigward niċċita eżempju mill-qasam tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru. Fis-sentenza magħrufa fil-kawża McDonagh[30], li tikkonċerna l-eruzzjoni tal-vulkan Eyjafjallajökull, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "r-Regolament Nru 261/2004 ma għandu ebda indikazzjoni li tippermetti l-konklużjoni li dan jirrikonoxxi, lil hinn miċ-'ċirkustanzi straordinarji' msemmija fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament, kategorija distinta ta' avvenimenti 'partikolarment straordinarji' li jkollhom il-konsegwenza li jeżentaw lit-trasportatur tal-ajru mill-obbligi kollha tiegħu [...]"[31].

51. L-applikazzjoni tar-raġunament fil-kawża McDonagh[32] b'analoġija mad-Direttiva 2015/2302 twassal għall-konklużjoni li ma hemm xejn f'dik id-direttiva biex issostni l-konklużjoni li tirrikonoxxi kategorija separata ta' avvenimenti lil hinn miċ-"ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji" msemmija fil-punt 12 tal-Artikolu 3 tagħha. Dan huwa aktar u aktar peress li dik id-direttiva, skont l-Artikolu 4, tipprovdi għal armonizzazzjoni kompleta tad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għall-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar.

29 Sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, Vilkas (C-640/15, EU:C:2017:39, punt 54).

30 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43).

31 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, McDonagh (C-12/11, EU:C:2013:43, punt 30) (enfasi miżjuda).

32 *Ibid.*

52. L-interpretazzjoni tad-Direttiva 2015/2302 bħala li tirrikonoxxi kategorija separata ta' ċirkustanzi partikolarment straordinarji, bħall-pandemija tal-COVID-19, li huma esklużi mill-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" tista' twassal għal riżultati kontradittorji li fl-aħħar jimminaw il-konsistenza tas-sistema stabbilita mid-Direttiva 2015/2302. Fil-fatt, il-partijiet ikunu intitolati li jitterminaw il-kuntratt jekk ikun hemm ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem fid-destinazzjoni tal-vjaġġ u jkun jaffettwa l-eżekuzzjoni tal-pakkett tal-ivvjaġġar iżda jibqgħu marbuta mill-kuntratt fil-każ ta' riskju sinjifikattiv għas-saħħa tal-bniedem ikkawżat mill-pandemija, anke jekk l-eżekuzzjoni tal-pakkett tal-ivvjaġġar tkun affettwata serjament. Barra minn hekk, l-organizzatur ikun intitolat li jirrifjuta li jħallas kumpens jekk in-nuqqas ta' konformità fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivvjaġġar ikun minħabba "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" li jseħħu fid-destinazzjoni tal-vjaġġ, skont l-Artikolu 14(3)(c) tad-Direttiva 2015/2302, iżda ma jkunux intitolati li jagħmlu dan fil-każ ta' pandemija.

53. Dan iwassalni għall-konklużjoni li l-interpretazzjoni proposta mill-Gvern Franċiż ikollha l-effett li tixħet dubju fuq l-iskema u l-għan essenzjali tad-Direttiva 2015/2302, li huwa li tippermetti vjaġġaturi u negozjanti biex jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq intern, filwaqt li tassigura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur[33]. Din tkun toħloq ukoll inċertezza legali kbira peress li tipprova tiddistingwixxi bejn sitwazzjonijiet ta' forza maġġuri, minn naħa, u "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji", min-naħa l-oħra, mingħajr l-ebda demarkazzjoni bejn it-tnejn.

54. Dik l-interpretazzjoni hija wkoll sostnuta mill-oriġini tad-Direttiva 2015/2302. L-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 90/314, ipprovda għall-possibbiltà li l-organizzatur jikkanċella l-kuntratt qabel id-data tat-tluq mifthiema. F'tali każ, il-vjaġġatur kien intitolat għal kumpens mill-organizzatur, ħlief fejn "il-kanċellament, ħlief fil-każ ta' prenotazzjoni eċċessiva, ikun għal raġunijiet ta' force majeur, i.e. ċirkostanzi mhux tas-soltu u imprevedibbli li ma jkunux fil-kontroll tal-parti li tkun tiġġustifika, li l-konsegwenzi tagħhom ma jkunux setgħu jiġu evitati anke jekk tkun ittieħdet il-prekawzjoni kollha meħtieġa". L-ebda għażla ta' kanċellazzjoni simili ma ġiet irrikonoxxuta għall-vjaġġatur. Id-Direttiva 2015/2302 imliet dak in-nuqqas u tat l-istess dritt lill-vjaġġaturi. Il-leġiżlatur intenda, għalhekk, li jagħti drittijiet ugwali lill-partijiet għall-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar fil-każ ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji". Ma hemm xejn li jindika li l-intenzjoni kienet li jiġi limitat id-dritt ta' kanċellazzjoni għaż-żewġ partijiet għall-kuntratt billi tiġi eskluża forza maġġuri mill-kamp ta' applikazzjoni ta" "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji".

55. F'dak ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li filwaqt li l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni[34] użat it-terminu "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji", id-dokument tal-ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni li akkumpanja dik il-proposta[35] juża, f'ċerti istanzi, it-terminu forza maġġuri[36]. Barra minn hekk, ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/2302 jikkjarifika li "l-kunċett ta' 'ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji' jissostitwixxi l-kunċett ta' 'force majeure' użat

[33] Premessi 5, 6 u 51 tad-Direttiva 2015/2302.

[34] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE (COM (2013) 512 final), 9.7.2013.

[35] Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) u arranġamenti tal-ivvjaġġar assistiti, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2011/83/UE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE.

[36] Ara, pereżempju, taħt it-titolu "drittijiet ta' kanċellazzjoni għal vjaġġaturi", paġna 136 "f'ċirkustanzi imprevedibbli u straordinarji (każijiet ta' forza maġġuri)" jew paġna 137, "huwa evidenti li l-konsumaturi jibbenefikaw milli jiksbu d-dritt li jiddeċiedu għalihom infushom jekk jixtiqux imorru għal btala fil-każ ta' sitwazzjoni ta' forza maġġuri, bħal pereżempju t-tfaqqigħ ta' kunflitt vjolenti jew diżastru ekoloġiku".

fid-Direttiva tal-1990"[37]. Għalhekk, ir-rintraċċ tal-oriġini tad-Direttiva 2015/2302 jikkorrobora l-proposta li fil-kuntest tad-Direttiva 2015/2302, forza maġġuri huwa kunċett ekwivalenti għal dak ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji".

56. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nikkonkludi li fil-kuntest speċifiku tad-Direttiva 2015/2302, il-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" ma jeskludix il-pandemija bħala sitwazzjoni ta' forza maġġuri.

*(c) L-applikabbiltà tad-Direttiva 2015/2302 fil-kuntest ta' pandemija*

57. Il-Gvern Belġjan, Ċek, Slovakk u Taljan ma jagħmlux distinzjoni bejn "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji" u forza maġġuri. Huma jikkontestaw, madankollu, b'mod iktar ġenerali, l-applikabbiltà tad-Direttiva 2015/2302 fil-kuntest ta' pandemija. Huma jallegaw, essenzjalment, li dik id-direttiva tkopri ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji ta' skala lokali u limitata, bl-esklużjoni ta' pandemija. Huma jsibu sostenn għal dak l-argument fil-premessa 31 tad-Direttiva 2015/2302, li tiċċita, fost l-eżempji ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li jagħtu lok għad-dritt li jiġi tterminat qabel il-kuntratt ta' vvjaġġar, l-eżistenza ta' "riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem bħat-tfaqqigħ ta' mard serju *fid-destinazzjoni tal-ivvjaġġar*"[38].

58. Fil-fehma tiegħi, ma huwiex possibbli li jiġi konkluż mill-premessa 31 li kienet l-intenzjoni tal-leġiżlatur biex jillimita l-applikabbiltà tad-Direttiva 2015/2302 għal avvenimenti li jseħħu fuq livell lokali. Dik il-premessa tagħti biss lista indikattiva ta' sitwazzjonijiet ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji. Iktar tidher li twassal għall-konklużjoni opposta għal dik sostnuta mill-gvernijiet hawn fuq imsemmija. Jekk l-imxija ta' marda serja fid-destinazzjoni tal-ivvjaġġar hija eżempju ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji", dik għandha tapplika *a fortiori* fir-rigward l-imxija ta' marda serja fuq livell *dinji*. L-istess linja ta' raġunament tista' tapplika fir-rigward tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2015/2302, li jistabbilixxi d-dritt tal-vjaġġatur li jittermina l-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji "li jseħħu fil-post tad-destinazzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tiegħu u li jaffettwaw sinifikament l-eżekuzzjoni tal-pakkett". Jekk il-vjaġġatur għandu d-dritt li jittermina l-kuntratt fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li jseħħu fuq livell lokali u jaffettwaw b'mod sinjifikattiv l-eżekuzzjoni tal-pakkett tal-ivvjaġġar, hu għandu jkollu l-istess dritt *a fortiori* fejn tali avveniment iseħħ fuq skala globali u jaffettwa b'mod sinjifikattiv l-eżekuzzjoni tal-pakkett tal-ivvjaġġar.

59. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jipprovdi għal drittijiet u obbligi differenti tal-partijiet fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji skont l-iskala ta' tfixkil. F'dak ir-rigward, ninnota li d-Direttiva 2015/2302 ġiet adottata sussegwentement għall-kriżi tal-irmied volkaniku tal-2010 li kellha impatt sinjifikattiv fuq is-settur tal-ivvjaġġar. Anki jekk dak l-impatt ma huwiex komparabbli ma' dak tal-pandemija tal-COVID-19, kienet opportunità għal-leġiżlatur sabiex jemenda r-regoli kif meħtieġ. Dan kien il-każ, pereżempju, fir-rigward tal-limitazzjoni tar-responsabbiltà tal-organizzatur li jsostni l-ispiża tal-akkomodazzjoni neċessarja għal perijodu li ma jaqbiżx it-tliet iljieli għal kull vjaġġatur sakemm ikun impossibbli li r-ritorn tal-vjaġġatur jiġi żgurat kif miftiehem fil-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar minħabba ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji (Artikolu 13(7) tad-Direttiva 2015/2302). Madankollu, dik id-direttiva introduċiet limitu fuq ir-responsabbiltà tal-organizzatur f'tali ċirkustanzi, limitata għal tliet iljieli kull

[37] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, COM (2021) 90 final, nota ta' qiegħ il-paġna 7.

[38] Enfasi miżjuda.

vjaġġatur. Għalhekk, naħseb ikun raġonevoli li wieħed jasal għall-konklużjoni li jekk l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jillimita, jeskludi jew jagħmel dispożizzjoni differenti għad-dritt tal-vjaġġatur biex jirċievi rifużjoni fi żmien 14-il jum wara l-kanċellazzjoni tal-kuntratt fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji li jikkawżaw ċertu ammont ta' tfixkil, kien jagħmel dan b'mod espliċitu.

60. Il-Gvern Ċek u dak Slovakk argumentaw ukoll li l-obbligu tal-organizzatur biex jirrifondi l-vjaġġatur skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 ma huwiex applikabbli fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-protezzjoni mill-insolvenza. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2015/2302 jipprovdi għall-obbligu tal-Istati Membri li jaċċertaw li organizzaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom jipprovdu sigurtà għar-rifużjoni tal-pagamenti kollha magħmula minn jew f'isem vjaġġaturi sakemm is-servizzi rilevanti ma jitwettqux bħala konsegwenza tal-insolvenza tal-organizzatur. Dik is-sigurtà "għandha tkun effettiva u għandha tkopri l-ispejjeż li huma raġonevolment prevedibbli"[39]. Il-premessa 40 tad-Direttiva 2015/2302 tgħid li protezzjoni mill-insolvenza effettiva "m'għandhiex tqis riskji remoti ħafna, pereżempju l-insolvenza simultanja ta' diversi mill-akbar organizzaturi, fejn jekk dan isir se jaffettwa b'mod sproporzjonat l-ispiża tal-protezzjoni, u b'hekk tiddgħajjef l-effettività tagħha". Fir-rigward ta' tali każijiet, dik il-premessa tgħid, "il-garanzija għar-rifużjonijiet tista' tkun limitata". Dawk iż-żewġ gvernijiet jissottomettu li fil-każ ta' fallimenti mifruxa ta' organizzaturi, vjaġġaturi ma jirċievu l-ebda rifużjonijiet peress li t-talbiet tagħhom ma humiex protetti.

61. F'dak ir-rigward, isegwi mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 2015/2302 li l-obbligu tal-organizzatur biex jipprovdi sigurtà għar-rifużjoni ta' kwalunkwe pagamenti magħmula jkopri s-sitwazzjoni fejn is-servizzi rilevanti ma humiex mwettqa bħala konsegwenza tal-insolvenza tal-organizzatur. Dan ifisser li t-talba għal rifużjoni hija protetta meta l-problema ta' likwidità titnissel mill-insolvenza tal-organizzatur. Madankollu, fil-każ ta' pandemija, il-problemi ta' likwidità joħorġu minn numru kbir ta' talbiet għal kanċellazzjoni, li mbagħad jistgħu iwasslu għal insolvenza. Dik hija r-raġuni għala r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers tagħraf li jekk organizzaturi jsiru insolventi, "hemm riskju li ħafna mill-vjaġġaturi […] ma jirċievu l-ebda rifużjoni, peress li t-talbiet tagħhom kontra l-organizzaturi […] ma jkunux protetti"[40].

62. Barra minn hekk, mill-fatt li d-Direttiva 2015/2302 ma tarmonizzax il-protezzjoni mill-insolvenza kontra talbiet għal rifużjoni f'tali sitwazzjonijiet ma jistax jiġi konkluż li l-Artikolu 12(4) ta' dik id-direttiva ma huwiex applikabbli. B'mod iktar wiesa', id-Direttiva 2015/2302 ma tarmonizzax miżuri ta' ristrutturar jew protezzjoni mill-falliment għall-organizzaturi tal-ivvjaġġar. Huwa minnu li fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni, ir-regoli sostantivi tad-dritt ta' insolvenza jaqgħu, preżentement, fl-ikbar parti fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri. Dawn tal-aħħar għandhom madankollu jeżerċitaw tali kompetenza b'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż mal-libertajiet fundamentali skont it-Trattat FUE[41]. Għalhekk, kwalunkwe miżuri adottati mill-Istati Membri biex itaffu problemi ta' likwidità ta' organizzaturi tal-ivvjaġġar għandhom jirrispettaw l-essenza tad-dritt tal-vjaġġatur li jirċievi rifużjoni, skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302. Barra minn hekk, dawk il-miżuri għandhom jirrispettaw id-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat.

63. Fir-rigward tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers tfakkar li huwa possibbli għal Stati Membri li jipprovdu operaturi fis-setturi tal-ivvjaġġar u t-trasport b'sostenn ta' likwidità sabiex jaċċertaw li talbiet ta' rimbors imnissla

[39] Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2015/2302.

[40] Premessa 14.

[41] Sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, MH u ILA (Drittijiet għal pensjoni fil-każ ta' falliment) (C-168/20, EU:C:2021:907, punt 76).

mit-tfaqqigħ tal-COVID-19 jistgħu jiġu ssodisfatti. Dik ir-rakkomandazzjoni tagħmel referenza għall-Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat[42] bħala bażi għall-kompatibbiltà ta' tali sostenn ta' likwidità mar-regolamenti tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-istat.

64. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nikkunsidra li d-Direttiva 2015/2302 hija applikabbli fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

*d) Emerġenza ta' saħħa pubblika bħala raġuni li tippermetti individwi li jidderogaw minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni*

65. Il-kwistjoni li jmiss li ser tiġi indirizzata hija jekk, fil-każ ta' emerġenza serja ta' saħħa pubblika, organizzaturi tal-ivvjaġġar jistgħux jeċċepixxu forza maġġuri sabiex jidderogaw minn dispożizzjoni tad-dritt sekondarju tal-Unjoni. B'mod iktar speċifiku, il-Gvern Franċiż issottometta li l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2015/2302 ma jeskludix il-possibbiltà li jiġi applikat il-prinċipju ta' "forza maġġuri", kif żviluppat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Jirreferi, f'dak ir-rigward, għas-sentenza fil-kawża Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka[43] (iktar 'il quddiem is-"sentenza fil-kawża Billerud") kif ukoll għad-digriet fil-kawża Luxaviation[44].

66. Il-każ li wassal għas-sentenza fil-kawża Billerud ikkonċerna kumpaniji li ġew issanzjonati talli naqsu milli jċedu l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju fil-ħin. Dawk il-kumpanniji argumentaw li l-allegat nuqqas kien minħabba nuqqas ta' funzjonament amministrattiv intern. Il-Qorti tal-Ġustizzja, b'referenza għall-ġurisprudenza preċedenti tagħha fis-sentenza Valsabbia vs Il-Kummissjoni[45], iddeċidiet li "anki fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika [...] ir-rikonoxximent ta' każ ta' forza maġġuri huwa possibbli meta kawża esterna invokata minn persuni ġuridiċi jkollha konsegwenzi irreżistibbli u inevitabbli sal-punt li jkun oġġettivament impossibbli għall-persuni kkonċernati li jirrispettaw l-obbligi tagħhom"[46]. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll, fl-istess paragrafu, li l-qorti nazzjonali għandha tiddetermina jekk l-operatur ikkonċernat, minkejja kull diliġenza li tkun ittieħdet sabiex jikkonforma mal-iskadenzi, ġie affaċċjat b'ċirkustanzi anormali u imprevedibbli li kienu lil hinn mill-kontroll tiegħu u marru lil hinn minn sempliċi nuqqas ta' funzjonament intern[47].

67. Isegwi mill-kuntest tas-sentenza fil-kawża Billerud li d-difiża ta' forza maġġuri kif irrikonoxxuta f'dik is-sentenza tikkonċerna possibbiltà limitata biex tidderoga mill-*konsegwenzi legali* li jirriżultaw min-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont id-dritt tal-Unjoni. Imbagħad ser nesplora jekk ir-raġunament stabbilit f'dik is-sentenza huwiex ta' relevanza fil-kuntest ta' dan il-każ, li jikkonċerna l-kwistjoni ta' deroga minn obbligu naxxenti minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni minħabba forza maġġuri.

42 Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19, C/2020/1863 (ĠU 2020 C 91I, p. 1) (iktar 'il quddiem il-"Qafas Temporanju"). Mill-adozzjoni tiegħu, il-Qafas Temporanju ġie emendat sitt darbiet. F'dawn il-konklużjonijiet, nirreferi għall-verżjoni kkonsolidata informali tal-Qafas Temporanju kif emendat l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2021, disponibbli fuq https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/coronavirus/temporary-framework_fr.

43 Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013 (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 31).

44 Digriet tas-26 ta' Marzu 2020 (C-113/19, EU:C:2020:228, punt 55).

45 Sentenza tat-18 ta' Marzu 1980, Ferriera Valsabbia *et* vs Il-Kummissjoni (154/78, 205/78, 206/78, 226/78 sa 228/78, 263/78, 264/78, 31/79, 39/79, 83/79 u 85/79 (EU:C:1980:81, punt 140).

46 Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 31).

47 Ara d-digriet tas-26 ta' Marzu 2020, Luxaviation, (C-113/19, EU:C:2020:228, punt 56).

68. Fis-sottotaqsimiet b) u c) tal-analiżi tiegħi hawn fuq, jien ħadt il-fehma li sitwazzjoni ta' forza maġġuri tiġi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2015/2302 u hija koperta, b'mod ġenerali, mill-kunċett ta' "ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji". Id-Direttiva 2015/2302 diġà fiha dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji. Dawk id-dispożizzjonijiet jinkludu l-Artikolu 12(2) u (3) ta' dik id-direttiva, li jipprovdi għad-dritt tal-vjaġġatur jew tal-organizzatur li jittermina l-kuntratt fil-każ ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji. L-effett ta' terminazzjoni tal-kuntratt, skont l-Artikolu 12(4), huwa li jwassal għall-obbligu tal-organizzatur li jipprovdi l-vjaġġatur b'rifużjoni sħiħa ta' kwalunkwe pagamenti magħmula għall-pakkett tal-ivvjaġġar mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn 14-il jum wara t-terminazzjoni tal-kuntratt.

69. Madankollu, il-fatt li d-Direttiva 2015/2302 fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-impatt ta' ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji fuq ir-relazzjoni kuntrattwali mhux bilfors ifisser li ma hemm l-ebda ambitu għall-applikazzjoni tas-sentenza fil-kawża *Billerud*. Dan huwa peress li, fil-każ tal-pandemija, iċ-ċirkustanzi inevitabbli u straordinarji mhux biss waqqfux lill-organizzaturi milli jeżegwixxu l-kuntratt iżda anki affettwaw b'mod sinjifikattiv il-*kapaċità amministrattiva* tagħhom li jipproċessaw talbiet għal terminazzjoni u l-*kapaċità finanzjarja* tagħhom li jħallsu r-rifużjonijiet. Minn dik il-perspettiva, xorta jista' jkun hemm ambitu għall-applikazzjoni tal-prinċipju stabbilit fis-sentenza fil-kawża Billerud. Dak il-prinċipju jista' jinftiehem bħala li jippermetti ċertu livell ta' *tolleranza* fir-rigward tal-applikazzjoni stretta tal-liġi[48]. Riċerkaturi li jistudjaw l-impatt tal-COVID-19 fuq il-liġi u l-politika tal-konsumatur[49] żviluppaw il-kunċett ta' "*societal force majeure*" ['forza maġġuri tas-soċjetà'] sabiex jirrifletti l-"impatt kollettiv tal-pandemija fuq l-interessi kollha involuti". L-essenza ta' dak il-kunċett huwa li jirrikonoxxi li l-pandemija kellha impatt serju u mhux mistenni fuq konsumaturi u negozji, u saret kwistjoni ta' tħassib għas-soċjetà kollha.

70. Taħt tali ċirkustanzi, il-prinċipju ta' forza maġġuri fir-rigward tal-*impossibbiltà oġġettiva* ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni stabbilit fis-sentenza fil-kawża Billerud jista' jkun applikabbli sabiex jagħti possibbiltà verament limitata għal *eżenzjoni temporanja* mill-konformità ma' obbligu speċifiku stabbilit f'qasam armonizzat tad-dritt sekondarju tal-Unjoni. L-organizzaturi mbagħad ikunu jistgħu jeċċepixxu forza maġġuri fejn, minkejja kull diliġenza dovuta tkun ittieħdet sabiex ikunu konformi mal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302, il-pandemija għandha konsegwenzi li huma ineżorabbli u inevitabbli li jirriżultaw *f'diffikultajiet temporanjament insormontabbli* sal-punt li jkun *oġġettivament impossibbli* għall-persuni kkonċernati biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dik id-dispożizzjoni[50]. F'dak ir-rigward, riskju ġenwin ta' falliment li jhedded l-eżistenza tal-organizzatur li jinvoka d-difiża ta' forza maġġuri jista' jittieħed inkunsiderazzjoni[51]. L-organizzaturi jistgħu jeċċepixxu forza maġġuri biss għall-perijodu meħtieġ sabiex jiġu riżolti

[48] Is-sistemi legali tal-Istati Membri jipprovdu, f'ċertu kuntesti u relazzjonijiet legali, għall-possibilità ta' deroga mir-rekwiżiti stretti tal-liġi (ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 1978, IFG vs Il-Kummissjoni, 68/77, EU:C:1978:23, punt 11). Dottrini rilevanti jinkludu d-difiża ta' tbatija, il-frustrazzjoni tal-għan, jew il-bidla fiċ-ċirkustanzi (ara Brunner, C., *Force Majeure and Hardship under General Contract Principles: Exemption for non-performance in international arbitration*, Wolters Kluwer, Il-Pajjiżi l-Baxxi, 2009, p. 435 *et seq.*). Madankollu, il-manjiera speċifika ta' kif kull ġurisdizzjoni tirregola dawk id-dottrini tvarja kunsiderevolment (ara Bortolotti F., Ufot D., *Hardship and Force Majeure in International Commercial Contracts: Dealing with unforeseen events in a changing world* (Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ, Pariġi, 2018).

[49] COVID-19 Consumer Law Research Group, 'Consumer Law and Policy Relating to Change of Circumstances Due to the COVID-19 Pandemic', *Journal of Consumer Policy*, 2020, 43(3), pp. 437 sa 450.

[50] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2013, Billerud Karlsborg and Billerud Skärblacka (C-203/12, EU:C:2013:664, punt 31).

[51] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 1980, Ferriera Valsabbia *et* vs Il-Kummissjoni (154/78, 205/78, 206/78, 226/78 sa 228/78, 263/78, 264/78, 31/79, 39/79, 83/79 u 85/79, EU:C:1980:81, punt 143).

dawk id-diffikultajiet[52]. Taħt tali limitazzjonijiet, l-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta’ forza maġġuri fil-kuntest tal-impossibbiltà oġġettiva li jkun hemm konformità mad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-kuntratt tal-ivvjaġġar ma huwiex klawżola liberatorja ġenerali (jew *carte blanche*). Jista’ jippermetti biss deroga temporanja mil-limiti taż-żmien stretti u għall-perijodu meħtieġ sabiex isiru arranġamenti għall-rimborsi ordnati biss.

71. Id-domanda li jmiss li għandha tiġi indirizzata hija jekk il-prinċipju ta’ forza maġġuri fir-rigward l-impossibbiltà oġġettiva li jkun hemm konformità mad-dritt sekondarju tal-Unjoni jistax jippermetti lill-organizzaturi biex jiddifferixxu rimbors fil-forma ta’ vawċer. Minn perspettiva kuntrattwali, il-proposta li jinħareġ vawċer hija forma ta’ adattament tal-kuntratt. L-offerta tal-vawċer għandha l-effett li tippreżerva r-relazzjoni kuntrattwali. Tabilħaqq, il-vawċer għandu l-effett li jdewwem l-eżekuzzjoni għal stadju iktar tard meta ċirkustanzi jkunu jippermettu li l-ivvjaġġar jerġa’ jibda. Il-kompatibbiltà ta’ tali adattazzjoni kuntrattwali mad-Direttiva 2015/2302 tkun tiddependi fuq il-*karatteristiċi* speċifiċi tal-vawċer.

72. Fil-kawża preżenti, vawċer li għandu l-karatteristiċi msemmija fid-digriet ikkontestat ma jidhirx li huwa kompatibbli mad-Direttiva 2015/2302. B’mod iktar speċifiku, l-offerta ta’ tali vawċer ma tidhirx li tirrestawra l-*ekwilibriju* bejn il-partijiet fid-dawl tas-sitwazzjoni ta’ forza maġġuri. Pjuttost jidher li *tiżvantaġġa* lil parti waħda mill-kuntratt, jiġifieri l-vjaġġatur. Kif kiteb kummentatur wieħed, “huwa eċċessiv li l-klijent jiġi forzat li jiffinanzja l-kontroparti kuntrattwali meta hu jista’ ma jkunx irid jagħmel dan”[53]. Dan huwa b’mod partikolari l-każ fid-dawl tal-perijodu ta’ validità tal-vawċer, li huwa 18-il xahar. Huwa biss fl-aħħar ta’ dak il-perijodu li l-vjaġġatur għandu l-possibbiltà li jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimbors mingħajr ma jkun hemm l-ebda garanzija kontra l-insolvenza tal-organizzatur. Barra minn hekk, tkun ir-responsabbiltà tal-vjaġġatur li jieħu l-passi meħtieġa sabiex jirċievi flusu fit-tmiem ta’ dak il-perijodu. Kwalunkwe rinegozjar tal-kuntratt għandu jkun ta’ benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Huwa nnotat sew fil-kitba akkademika legali li operaturi tal-ivvjaġġar u konsumaturi għandhom “reċiprokament jibbenefikaw minn skema ta’ vawċers” u li dak ikun il-każ “jekk organizzaturi tal-ivvjaġġar joffru lill-konsumatur xi ħaġa *iktar* minn dak li għalih huma legalment intitolati”[54].

73. Fl-aħħar mill-aħħar, il-ftehim kuntrattwali fid-dawl ta’ sitwazzjoni ta’ forza maġġuri jkun jiddependi fuq iċ-ċirkustanzi ta’ kull każ fid-dawl tal-prinċipju ta’ *bona fide*[55]. Fil-kuntest tal-pandemija, speċifikament fil-bidu nett, l-impatt ta’ terminazzjoni tal-kuntratt fuq il-parti l-oħra ma jistax jiġi injorat kompletament. Minħabba n-numru ta’ kanċellamenti, anke dawk l-organizzaturi li kellhom il-kapaċità finanzjarja li jirrimborsaw il-vjaġġaturi kollha kien ikollhom bżonn li jingħataw mill-inqas naqra żmien sabiex jipproċessaw ir-rimbors ta’ pagamenti magħmula[56]. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni kkonċediet li fl-istadji inizjali tal-pandemija

[52] Ara f’dak is-sens, is-sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-68/11, EU:C:2012:815, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[53] Bech Serrat, J.M., ‘Covid-19 Contractual Measures in Hospitality: Lessons from Problematic Regulation in Europe’ EuCML, 2021, p. 48, f’p. 51.

[54] Loos M.B.M., ‘One Day I’ll Fly Away…: Voucher Schemes for Cancelled Package Travel Contracts after the Outbreak of the Covid-19 Pandemic’, EuCML 2021, p. 122, 124 (enfasi miżjuda).

[55] Għal diskussjoni fil-fond dwar il-mistoqsija jekk il-prinċipju ta’ *bona fide* jistax jiġi meqjus bħala prinċipju “emerġenti” fuq il-livell tad-dritt kuntrattwali tal-Unjoni, ara Reich, N., *General Principles of EU Civil Law*, Intersentia, Cambridge, Antwerp, Portland, 2014, p. 189.

[56] Ara United Kingdom Competition and Markets Authority, “*Guidance statement on coronavirus* (COVID-19), consumer contracts, cancellation and refunds, 28 ta’ Awwissu 2020, iċċitat minn Stuyck, J., “La protection européenne des consommateurs face à la crise de la Covid-19” f’Dubout E., Picod F., *op. cit.*, nota ta’ qiegħ il-paġna 25, p. 295, p. 305. Dik il-gwida tgħid illi “fl-istadji inizjali tal-pandemija, lin-negozji seta’ ħadilhom iktar żmien mis-soltu biex jipproċessaw rifużjonijiet”. Ara Borghetti, J.S., “Non performance and the Change of Circumstances under French law”, f’Hondius, E. *et al.*, *op. cit.*, nota ta’ qiegħ il-paġna 4, pp. 509, 516, li jispjega li skont id-dritt Franċiż l-eżekuzzjoni ta’ obbligu monetarju ma jista’ qatt jiġi mxekkel minn forza maġġuri. Madankollu, hu jżid li l-kodiċi ċivili Franċiż “joffri xi tip ta’ eżenzjoni lil parti b’diffikultajiet finanzjarji”.

l-maġġoranza ta' vjaġġaturi rreaġixxew għas-sitwazzjoni bi pragmatiżmu u ma stennewx li jiġu rrimborsati fiż-żmien ristrett impost ta' 14-il jum applikabbli f'ċirkustanzi normali. Sakemm huma ngħataw biżżejjed informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tar-rimbors tagħhom, huma kienu disposti li jistennew tul ta' żmien raġonevoli. Iż-żewġ partijiet għall-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar għandhom għalhekk jagħmlu ħilithom biex jaġixxu "b'mod responsabbli u ġust"[57].

74. Fid-dawl tas-suespost, jien nieħu l-fehma li organizzatur individwali jista' jitlob forza maġġuri f'ċirkustanzi li fihom, minkejja kull diliġenza dovuta ġiet eżerċitata sabiex jikkonforma mal-iskadenzi, il-pandemija tal-COVID-19 kellha konsegwenzi li huma ineżorabbli u inevitabbli li rriżultaw f'diffikultajiet temporanjament insormontabbli sal-punt li jkun oġġettivament impossibbli għall-organizzatur li jipprovdi rifużjoni skont l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302. L-organizzatur jista' jeċċepixxi forza maġġuri biss għall-perijodu meħtieġ sabiex jirriżolvi dawk id-diffikultajiet. L-eċċezzjoni ta' forza maġġuri fir-rigward tal-impossibbiltà oġġettiva li jkun hemm konformità mad-dritt tal-Unjoni madankollu ma tippermettix lill-organizzaturi joħorġu vawċer bil-karatteristiċi msemmija fid-digriet ikkontestat.

*(e) Emerġenza tas-saħħa pubblika bħala raġuni li tippermetti lil Stati Membri li jidderogaw minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni*

75. Kieku kien aċċettat li r-raġunament fis-sentenza tal-kawża *Billerud* jista' japplika fejn ikun oġġettivament impossibbli għal organizzatur individwali li jikkonforma mal-obbligu li jirrifondi kwalunkwe pagamenti magħmula minn vjaġġaturi fi żmien 14-il jum minħabba l-pandemija tal-COVID-19, dan xorta waħda ma jagħtix tweġiba xierqa fil-kawża preżenti. Fil-fatt, il-kawża ma tikkonċernax litigazzjoni bejn partijiet privati. Tikkonċerna l-legalità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva li permezz tagħha Stat Membru jiddeċiedi li jadotta miżura li tidderoga mid-dritt sekondarju tal-Unjoni b'risposta għall-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, nikkunsidra li d-dikjarazzjonijiet magħmula fis-sentenza tal-kawża Billerud ma jistgħux japplikaw awtomatikament fir-rigward ta' Stati Membri.

76. Fir-rigward tan-nuqqas minn Stat Membru li jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' ksur, ammettiet b'mod eċċezzjonali forza maġġuri bħala raġuni li tiġġustifika tali nuqqas. Il-ġurisprudenza rilevanti kienet tikkonċerna prinċipalment in-nuqqas li tiġi trasposta miżura tad-dritt tal-Unjoni[58] jew in-nuqqas ta' konformità ma' obbligu speċifiku stabbilit fid-dritt sekondarju tal-Unjoni[59]. Skont dik il-ġurisprudenza, "Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet li jkunu momentarjament insormontabbli u li jfixkluh milli jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, jista' jinvoka sitwazzjoni ta' forza maġġuri biss għall-perijodu strettament neċessarju sabiex jirrimedja għal dawn id-diffikultajiet"[60].

77. F'dan il-każ, peress li ma huwiex l-Istat Membru iżda l-organizzatur tal-ivvjaġġar li jżomm l-obbligu mil-liema deroga hija mfittxa, jista' jiġi argumentat li ma hemm l-ebda skop għall-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tapplika f'azzjonijiet ta' ksur. Madankollu, kieku s-sentenza tal-kawża Billerud kienet applikabbli għal numru għoli ta' organizzaturi u kieku

[57] Ara United Kingdom Cabinet Office, "Guidance on responsible contractual behaviour in the performance and enforcement of contracts impacted by the Covid-19 emergency", 7 ta' Mejju 2020, punt 14, iċċitat minn Twigg-Flesner, C., *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 4, p. 1104.

[58] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2001, Il-Kummissjoni vs Franza (C-1/00, EU:C:2001:687).

[59] Is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (70/86, EU:C:1987:374), u tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-68/11, EU:C:2012:815).

[60] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-68/11, EU:C:2012:815, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

affettwat numru sinjifikattiv ħafna ta' kuntratti, dan jista' jindika *problema sistemika* u l-ħtieġa li wieħed ikollu ż-żmien neċessarju sabiex isib soluzzjoni "sistemika" biex jindirizza l-impatt tal-pandemija[61]. F'tali ċirkustanzi, jekk Stat Membru jaffaċċja diffikultajiet insormontabbli biex japplika, fl-ordinament ġuridiku tiegħu, dispożizzjoni li tittrasponi dritt sekondarju tal-Unjoni, għandu jkun, b'mod eċċezzjonali, intitolat li jeċċepixxi forza maġġuri.

78. L-applikazzjoni permezz ta' analoġija tal-eċċezzjoni ta' forza maġġuri għal sitwazzjoni ta' deroga minn dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni jkollha tkun soġġetta għal salvagwardji partikolarment stretti. Ma għandhiex tinftiehem bħala klawżola liberatorja ġenerali jew *carte blanche* biex tidderoga mid-dritt tal-Unjoni. Tikkonċerna deroga verament *eċċezzjonali, limitata fl-ambitu ta' applikazzjoni u temporanja* fejn huwa oġġettivament impossibbli li jkun hemm konformità mad-dritt sekondarju tal-Unjoni. Għalhekk nikkunsidra li fil-kuntest ta' "emerġenza tas-saħħa mingħajr preċedent"[62], bħalma hi l-pandemija tal-COVID-19, Stat Membru jista' jeċċepixxi forza maġġuri li tiġġustifika l-adozzjoni ta' miżura derogatorja b'risposta għall-pandemija jekk jiltaqa' ma' diffikultajiet *temporanjament insormontabbli* li jfixkluh milli jikkonforma ma' l-obbligi tiegħu li japplika, fl-ordinament ġuridiku tiegħu, dispożizzjoni speċifika tad-dritt sekondarju tal-Unjoni. Madankollu, l-Istat Membru jista' jeċċepixxi forza maġġuri biss għall-perijodu *neċessarju* sabiex jiġu riżolti dawk id-diffikultajiet. Il-mezzi magħżula sabiex jiġu riżolti d-diffikultajiet insormontabbli għandhom jikkonformaw mal-prinċipju ġenerali ta' *proporzjonalità*. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jeċċepixxi sitwazzjoni ta' forza maġġuri li jipprova li huwa *neċessarju* li jirrikorri għal deroga sabiex jirriżolvi d-diffikultajiet insormontabbli li ltaqa' magħhom minħabba dik is-sitwazzjoni. F'dak ir-rigward, l-Istat Membru ma għandu jitħalla bla ebda alternattiva ħlief li jidderoga temporanjament mid-dritt tal-Unjoni.

79. Fil-kawża preżenti, il-Gvern Franċiż jissottometti li kien imġiegħel li jistabbilixxi deroga mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod iktar speċifiku, jippermetti l-organizzaturi tal-ivvjaġġar li joħorġu vawċer minflok rifużjoni immedjata sabiex jipprevjeni fallimenti mifruxa ta' dawk l-operaturi. F'dak ir-rigward, nagħmel is-segwenti osservazzjonijiet. Waqt l-istadji inizjali tal-pandemija, l-Istati Membri ġew affaċċjati bi sfidi kbar fir-rigward tas-saħħa tal-popolazzjonijiet tagħhom u l-ekonomija. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi, gvernijiet ġew meħtieġa li jistabbilixxu ċertu numru ta' prijoritajiet, jipproteġu l-vulnerabbli, isostnu impjegati li spiċċaw diżokkupati filwaqt li jaċċertaw li n-negozji milquta l-iżjed mill-pandemija ma jikkollassawx. Waqt is-seduta, il-Gvern Ċek insista li l-emerġenza tas-saħħa kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu azzjoni f'numru kbir ta' oqsma u *jibbilanċjaw mill-ġdid* l-interessi involuti fid-dawl taċ-ċirkustanzi. Ikun imbagħad jidher iġġustifikat għal Stat Membru li jimponi sospensjoni, li hija *limitata f'termini ta' ambitu u żmien*, tal-eżerċizzju ta' ċertu drittijiet kuntrattwali għall-perijodu strettament neċessarju li jippermetti l-partijiet jaġġustaw għal sitwazzjoni ġdida jew imprevista jew għall-gvern biex isib soluzzjonijiet xierqa. Tali soluzzjonijiet jistgħu jinkoraġġixxu l-kontinwità ta' kuntratti sabiex jiġu evitati kriżijiet ta' likwidità fl-ekonomija mingħajr ma jiġi impost piż eċċessiv fuq il-vjaġġaturi li huma intitolati għal rifużjoni[63].

80. Il-Gvern Franċiż jikkontendi li l-miżura ta' deroga kkontestata kienet applikabbli biss fir-rigward ta' kuntratti ta' pakkett tal-ivvjaġġar itterminati bejn l-1 ta' Marzu 2020 u l-15 ta' Settembru 2020. Ma kinitx imtawla wara dak il-perijodu peress li ġie kkunsidrat li s-settur

[61] Ara Ganuza, J.J. u Gomez Pomar, F., "Government Emergency Intervention in Private Contracts in Times of Covid-19" f'Hondius, E. *et al.*, *op.cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 4, pp. 567, 571, li jinnotaw li "sabiex jitrattaw mal-emerġenza assoċjata mal-coronavirus, is-sistemi tal-qrati ma għandhomx ikunu l-istituzzjoni ppreferuta biex tintervjeni f'kuntratti, lanqas bħala ġudikatur biex issolvi tilwim li jirriżultaw minn deċiżjoni unilaterali ta' parti kontraenti biex tiddevja minn ftehim".

[62] Rakkommandazzjoni tal-Kunsill 2020/1475, premessa 9.

[63] Ara Ganuza, J.J. u Gomez Pomar, F., *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 64, p. 593.

tal-ivvjaġġar kien ġie mogħti ż-żmien meħtieġ biex jadatta għas-sitwazzjoni l-ġdida. Huwa minnu li d-deroga kienet temporanja, sal-punt li kopriet biss kuntratti tterminati fi ħdan il-perijodu ta' sitt xhur imsemmi hawn fuq. Madankollu, id-digriet ikkontestat, kif il-Kummissjoni insistiet fit-tul waqt is-sottomissjonijiet orali tagħha, affettwa b'mod *retroattiv* dritt *akkwistat* u *mandatorju* ta' vjaġġaturi li jirċievu l-flejjes li huma kienu diġà ħallsu. Fid-dawl ta' tali impatt sinjifikattiv fuq il-kuntratt tal-konsumatur, ma huwiex biżżejjed li jiġi eċċepit li l-miżura baqgħet fis-seħħ biss għal ċertu perijodu ta' żmien. Għandha tiġi suġġetta għal skrutinju partikolari. F'dak ir-rigward, ninnota żewġ karatteristiċi tal-iskema ta' vawċers ipprovduta mid-digriet ikkontestat li, meqjusa flimkien mal-effett retroattiv, jistgħu jindikaw li eċċediet dak li kien neċessarju sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-pandemija fuq it-terminazzjoni ta' kuntratti tal-ivvjaġġar. L-ewwel karatteristika huwa *t-tul ta' żmien* tas-sospensjoni tad-dritt għal rifużjoni. Id-digriet ikkontestat jipprovdi li l-organizzatur jista' joffri vawċer l-iktar tard fi żmien perijodu ta' tliet xhur min-notifika tat-terminazzjoni tal-kuntratt, li huwa validu għal 18-il xahar. Il-konsumatur jista' jeżerċita d-dritt tiegħu li jirċievi rifużjoni ta' kwalunkwe pagamenti magħmula fi flus biss wara li dak il-perijodu ta' 18-il xahar ikun għadda. F'termini prattiċi, id-digriet ikkontestat jissospendi d-dritt tal-vjaġġatur li jirkupra l-flejjes li hu jkun diġà ħallas, għal perijodu ta' bejn it-18 u l-21 xahar wara t-terminazzjoni tal-kuntratt. Il-Gvern Franċiż ma spjegax għala kien neċessarju li jċaħħad lil vjaġġaturi mid-dritt tagħhom naxxenti mill-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 għal perijodu minimu ta' 18-il xahar wara l-ħruġ tal-vawċer.

81. It-tieni karatteristika hija n-*nuqqas ta' kwalunkwe vantaġġ* offrut lill-vjaġġaturi sabiex ikun ta' kontrobilanċ għall-interferenza serja mad-dritt tagħhom għal rifużjoni. Fil-fatt, l-iskema ta' vawċers stabbilita mid-digriet ikkontestat sfurzat lill-vjaġġaturi jerfgħu r-riskju tal-impatt tal-pandemija fuq il-kuntratt tal-ivvjaġġar bl-ebda miżura ta' kontrobilanċ għal dak ir-riskju. F'dak ir-rigward, insib partikolarment rilevanti wieħed mill-prinċipji abbozzati mill-Istitut dwar id-Dritt Ewropew għall-kriżi tal-COVID-19 relatat ma' "Forza Maġġuri u Tbatija" u fformulat kif ġej: "B'konformità mal-prinċipju ta' solidarjetà, l-Istati għandhom jaċċertaw li l-konsegwenzi tat-tfixkil ta' relazzjonijiet kuntrattwali, bħall-kanċellament ta' arranġamenti għall-ivvjaġġar, ma għandhomx ikunu għar-riskju uniku ta' parti waħda, b'mod partikolari ta' konsumatur jew SME"[64]. Fi kliem ieħor, l-argument "*kbar wisq biex ifallu*" ma għandux jiġi aċċettat fejn jirriżulta għall-iżvantaġġ taċ-ċittadin konsumatur.

82. Fir-rigward ta' alternattivi xierqa, huwa xieraq li ssir referenza għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers, li għandha sezzjoni speċifika fuq miżuri ta' sostenn u għajnuna mill-Istat[65]. Hija tenfasizza fuq il-possibilità għall-Istati Membri li jipprovdu sostenn lil operaturi fis-setturi tat-trasport u tal-ivvjaġġar sabiex jaċċertaw li talbiet għal rimbors li jitnisslu mill-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jiġu ssodisfatti. Sa fejn l-operaturi fis-settur tal-ivvjaġġar huma fil-bżonn ta' sostenn ġenerali ta' likwidità, dik ir-rakkomandazzjoni tistipula li Stati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu li jintroduċu skemi biex l-operaturi jingħataw tali sostenn. F'dak ir-rigward, issir referenza għall-Qafas Temporanju li jipprovdi l-bażi għall-kompatibbiltà ta' kwalunkwe sostenn likwidu mar-rekwiżiti tal-Unjoni fuq għajnuna mill-Istat.

64 Istitut dwar id-Dritt Ewropew, *ELI Principles for the Covid-19 Crisis*, Prinċipju 13, punt 3.

65 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers, punt 15 *et seq.*

83. Il-Qafas Temporanju, emendat sitt darbiet konsekuttivi, jipprovdi għal diversi tipi ta' għajnuna li tista' tiġi evalwata skont l-Artikoli 107(2)(b)[66] jew 107(3)(b) TFUE[67]. B'mod partikolari fir-rigward ta' kumpens mogħti lil intrapriżi tat-turiżmu, il-Qafas Temporanju jagħmilha ċara li Stati Membri jistgħu jinnotifikaw tali miżuri ta' kumpens u l-Kummissjoni tevalwahom direttament skont l-Artikolu 107(2)(b)[68]. Nenfasizza li l-Kummissjoni kkommettiet ruħha li tiżgura proċess ta' approvazzjoni 'rapida'[69]. Stati Membri varji għamlu użu mill-Qafas Temporanju u nnotifikaw miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu organizzaturi ta' pakketti tal-ivvjaġġar, li l-Kummissjoni approvat skont il-Qafas Temporanju jew taħt it-Trattat[70].

84. Jidher għalhekk, li d-dritt tal-Unjoni offra lill-Istati Membri strumenti alternattivi sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' likwidità ta' organizzaturi. B'sostenn għal dak il-punt, il-Gvern Daniż fis-sottomissjonijiet tiegħu ħa l-eżempju tal-adozzjoni ta' skema ta' self ta' sostenn għas-settur tal-ivvjaġġar (iktar 'il quddiem ir-"*Rejsegarantifonden*"). Fit-tweġibiet tagħhom għal mistoqsija mressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-gvernijiet li ħadu sehem fis-seduta ppreżentaw il-pożizzjoni tagħhom dwar il-possibilità li jistabbilixxu fond simili. Il-Gvern Franċiż ikkontenda li ma kienx possibbli li jittrasponi s-soluzzjoni adottata mill-Gvern Daniż fi Franza peress li l-ebda fond simili ma eżista qabel il-kriżi tas-saħħa. B'mod partikolari, il-Gvern Franċiż spjega li, fi Franza, in-negozju ta' assigurazzjoni huwa limitat għal rwol ta' garanti u ma jistax jislef flus mingħajr awtorizzazzjoni.

85. Meta jiġu evalwati l-għażliet disponibbli għal kull Stat Membru sabiex isostni l-organizzaturi tal-ivvjaġġar b'risposta għall-pandemija, huwa meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi strutturali ta' kull pajjiż. Madankollu, f'dak il-proċess, l-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-*prinċipju ta' kooperazzjoni leali* skont l-Artikolu 4(3) TUE. Dak il-prinċipju jorbot kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fiċ-ċirkustanzi fejn Stat Membru jinnotifika l-Kummissjoni dwar diffikultajiet sinjifikattivi li jiltaqa' magħhom biex japplika dispożizzjoni speċifika tad-dritt tal-Unjoni minħabba emerġenza ta' saħħa pubblika, il-Kummissjoni għandha obbligu li tieħu d-dovut kunsiderazzjoni ta' dawk id-diffikultajiet u tassisti l-Istat Membru ikkonċernat. Dan huwa iktar u iktar peress li d-dritt tal-Unjoni ma għandux "reġim ta' emerġenza tal-Unjoni" ġenerali tiegħu[71].

86. Għandu jiġi innotat ukoll li, fl-ewwel ftit xhur tal-pandemija, l-ebda leġiżlazzjoni speċifika ma kienet teżisti fuq il-livell tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward ta' vawċers maħruġa bħala alternattiva għal rimbors għal kuntratti ta' trasport u ta' pakkett tal-ivvjaġġar ikkanċellati[72]. Fil-5 ta' Marzu 2020, b'aġġornament fid-19 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat fuq is-sit

[66] L-Artikolu107(2)(b) TFUE huwa fformulat kif ġej: "2. It-tipi ta' għajnuna li ġejjin ikunu kompatibbli mas-suq intern: […] (b) kull għajnuna mogħtija sabiex tirrimedja għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew avvenimenti oħra straordinarji."

[67] L-Artikolu 107(3)(b) TFUE huwa fformulat kif ġej: "3. It-tipi ta' għajnuna li ġejjin jistgħu jkunu kunsidrati bħala kompatibbli mas-suq intern: […] (b) għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti fuq skala kbira ta' interess komuni Ewropew, jew sabiex tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta' Stat Membru".

[68] Qafas Temporanju, punt 15.

[69] Qafas Temporanju, punt 111. Fis-sottomissjonijiet orali tagħha, il-Kummissjoni għamlet referenza għall-eżempju tal-approvazzjoni rapida tal-iskema tal-għajnuna Daniża. L-awtoritajiet innotifikaw l-iskema lill-Kummissjoni fit-28 ta' Marzu 2020 filwaqt li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha fl-4 ta' April 2020.

[70] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, *op.cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 37, paġna 17. Għal ħarsa ddettaljata tal-iskemi kollha approvati ara Skeda informattiva, Tfaqqigħ tal-Coronavirus – Lista ta' Miżuri tal-Istati Membri approvati skont l-Artikoli 107(2)b, 107(3)b u 107(3)c TFUE u skont il-Qafas Temporanju tal-Għajnuna mill-Istat, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/competition-policy/state-aid/coronavirus/temporary-framework_en

[71] Ara De Witte, B., "EU emergency law and its impact in the EU legal order", *Common Market Law Review*, 2022, p. 3, p. 6, li jinnota li d-dritt ta' emerġenza tal-Unjoni jikkonsisti minn kompetenzi *speċifiċi* ta' emerġenza..

[72] Ara wkoll Bech Serrat, J.M., u Carvalho, J.M., "The impact of Covid-19 on EU Travel Law – Are vouchers here to stay?" (2022) 1 *European Journal of Consumer Law*, 1, 2022, p. 49.

elettroniku tagħha *gwida informali* fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/2302, b'konferma li d-dritt tal-vjaġġatur li jirċievi rifużjoni sħiħa iżda wkoll tgħid li huwa possibbli għall-vjaġġatur li jaċċetta vawċer[73]. F'ittra tas-27 ta' Marzu 2020 indirizzata lill-Istati Membri kollha, il-Kummissarju Reynders afferma mill-ġdid id-dritt tal-vjaġġatur li jirċievi rifużjoni. Hu ssuġġerixxa li operaturi turistiċi jistgħu joffru vawċers, bil-kundizzjoni li tali vawċers ma jkunux mandatorji. Hu ssuġġerixxa wkoll li Stati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex iżidu l-kunfidenza tal-vjaġġatur meta jagħżel vawċer[74].

87. Sadanittant, diversi Stati Membri talbu lill-Kummissjoni sabiex tissospendi d-dritt ta' rifużjoni fi żmien 14-il jum u/jew tisostitwixxih b'soluzzjoni temporanja ta' vawċer[75]. Minflok, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha li d-drittijiet tal-konsumatur ma għandhomx ikunu sospiżi u li "ma kinitx ser issegwi sejħiet għat-tnaqqis tal-protezzjoni tal-konsumatur"[76]. Fit-13 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet ir-Rakkomandazzjoni tagħha dwar Vawċers. F'dik ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ l-impatt serju ta' kanċellamenti minħabba l-pandemija, il-problemi ta' likwidità tal-organizzaturi kif ukoll ir-riskju li ħafna vjaġġaturi ma humiex ser jirċievu l-ebda rifużjoni, peress li t-talbiet tagħhom kontra organizzaturi u trasportaturi ma humiex protetti. Is-soluzzjoni għal dawk il-kwistjonijiet, skont dik ir-rakkomandazzjoni, qiegħda billi l-vawċers jiġu reżi iktar attraenti għall-vjaġġaturi. Lejn dak l-għan, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-adozzjoni ta' skemi ta' garanzija biex isostnu operaturi fis-setturi tal-ivvjaġġar u tat-trasport skont ir-regoli tal-Unjoni dwar għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni ssuġġerixxiet li Stati Membri jistgħu wkoll jikkunsidraw li jadottaw miżuri temporanji ta' għajnuna mill-Istat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Qafas Temporanju.

88. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni ssottomettiet li f'oqsma oħra tal-liġi[77], l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kkunsidrawh neċessarju u ġġustifikat li jipproponu lil-leġiżlatur tal-Unjoni li tiġi adottata deroga minn dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt sekondarju tal-Unjoni. Madankollu, id-deċiżjoni ttieħdet biex ma jsirx dan fir-rigward tal-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302. Il-Kummissjoni spjegat li emenda tad-Direttiva 2015/2302 tkun taffettwa b'mod retroattiv id-drittijiet kweżiti tal-konsumaturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li madwar nofs l-Istati Membri ma kkunsidrawx assolutament neċessarju li dik id-direttiva tiġi emendata u rnexxielhom jakkomodaw is-sitwazzjoni b'mod differenti. Minkejja l-għażla tal-politika magħmula, nemmen li fid-dawl ta' tħassib qawwi li esprimew l-Istati Membri varji dwar ir-riperkussjonijiet ta' kanċellamenti mifruxa ta' kuntratti ta' vvjaġġar, wieħed jista' jistenna l-proposta ta' att leġiżlattiv (minflok rakkomandazzjoni) sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni b'mod ikkoordinat. Madankollu, dik l-osservazzjoni biss ma tfissirx li l-Istati Membri huma liberi li jintroduċu deroga unilaterali mid-dritt tal-Unjoni lil hinn milli huwa strettament neċessarju sabiex tingħeleb sitwazzjoni ta' forza maġġuri.

73 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers, premessa 12.

74 *Ibid.*

75 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, *op.cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 37, paġna 15. Dak ir-rapport jiċċita bħala eżempju f'dan ir-rigward id-deċiżjoni tal-Gvern Ġermaniż tat-2 ta' April 2020 biex jitlob il-Kummissjoni biex tissottometti fuq livell tal-Unjoni proposti dwar pakketti tal-ivvjaġġar u drittijiet ta' passiġġieri li għandhom jissostitwixxu temporanjament rifużjonijiet ta' flus permezz ta' vawċers fil-każ ta' kanċellamenti relatati mal-COVID-19.

76 *Ibid.*

77 Ara r-Regolament (UE) 2020/1043 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar it-twettiq ta' provi kliniċi ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom jew li jikkonsistu f'organiżmi ġenetikament modifikati [OĠM] maħsuba biex jittrattaw jew jipprevjenu l-marda tal-coronavirus (COVID-19) u l-provvista ta' dawn il-prodotti (ĠU 2020, L 231, p. 12). Dak ir-regolament jipprovdi għal derogi speċifiċi mir-rekwiżit li ssir valutazzjoni tar-riskju ambjentali fir-rigward ta' provi kliniċi ta' prodotti mediċinali ta' investigazzjoni għall-użu tal-bniedem li jikkontjenu jew jikkonsistu minn OĠM bl-intenzjoni li jittrattaw jew jipprevjenu l-COVID-19.

89. Kumment finali jirrigwarda xi lezzjonijiet li għandhom jittieħdu għall-futur. Il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet imqajma mill-pandemija tal-COVID-19 hija riflessa fl-evalwazzjoni kontinwa tar-regolamenti kurrenti tal-Unjoni dwar pakketti tal-ivvjaġġar. Kif imħabbar fl-Aġenda tal-Konsumatur ġdida tagħha, il-Kummissjoni impenjat ruħha li twettaq sal-2022 "analiżi aktar profonda dwar jekk il-qafas regolatorju attwali għall-pakkett tal-ivvjaġġar, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni mill-insolvenza, huwiex kapaċi bis-sħiħ jiżgura protezzjoni robusta u komprensiva tal-konsumatur f'kull ħin"[78]. Il-Kummissjoni tagħmilha ċara, madankollu, li l-oġġettiv tal-analiżi "ma timmirax li tbaxxi l-protezzjoni tal-konsumatur".

90. Fid-dawl ta' dan kollu, nikkunsidra li t-tweġiba għat-tieni domanda hija li l-kriżi tas-saħħa relatata mal-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt straordinarju li kellha fuq is-settur tat-turiżmu jista' jiġġustifika deroga temporanja mill-obbligu tal-organizzaturi li jirrifondu lill-vjaġġatur l-ammont sħiħ ta' kwalunkwe pagamenti magħmula għall-pakkett fi żmien 14-il jum wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, stabbilit fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302, biss għall-perijodu neċessarju sabiex l-Istat Membru jirriżolvi d-diffikultajiet insormontabbli li jżommuh milli japplika d-dispożizzjoni nazzjonali li tittrasponi tali obbligu. Il-mezzi magħżula sabiex jindirizzaw tali diffikultajiet għandhom ikunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jeċċepixxi sitwazzjoni ta' forza maġġuri li jipprova li huwa neċessarju li jirrikorri għal deroga sabiex jiġu riżolti tali diffikultajiet li ltaqa' magħhom minħabba dik is-sitwazzjoni. F'dak ir-rigward, huwa meħtieġ li jiġi vverifikat li ma hemm l-ebda miżura alternattiva għal rikors għal deroga mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, id-digriet ikkontestat jidher li jeċċedi dak li huwa neċessarju u proporzjonat sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet insormontabbli li ltaqgħu magħhom, partikolarment fid-dawl tal-effett retroattiv tiegħu, iż-żmien tas-sospensjoni tad-dritt li jirċievu rifużjoni u n-nuqqas ta' kwalunkwe vantaġġ offrut lill-vjaġġatur sabiex ikun ta' kontrobilanċ għall-impatt retroattiv fuq id-drittijiet tiegħu li joħorġu mill-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar.

## *It-tielet domanda*

91. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302 għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi deroga bħalma hi dik stabbilita fid-digriet ikkontestat, jekk huwiex possibbli, fiċ-ċirkustanzi msemmija fit-tieni domanda, l-aġġustament tal-effetti temporali ta' deċiżjoni li tannulla leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra dik id-dispożizzjoni.

92. F'dak ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja biss tista', f'każijiet eċċezzjonali, għal kunsiderazzjonijiet superjuri taċ-ċertezza legali, tippermetti s-sospensjoni temporanja tal-effett tat-tneħħija ta' regola tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-liġi nazzjonali li hija kontrarja tagħha. Kieku qrati nazzjonali kellhom il-poter li jagħtu dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali supremazija meta mqabbel mad-dritt tal-Unjoni miksur minn dawk id-dispożizzjonijiet, anki temporanjament, l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni tkun imminata[79].

93. Għalhekk, huwa biss b'mod eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', fl-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tħoss il-bżonn li tillimita għal kwalunkwe persuna kkonċernata l-opportunità milli tistrieħ fuq

[78] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli (COM(2020) 696 final), paġna 3.

[79] Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 177).

dispożizzjoni li hi tkun interpretat bil-ħsieb li titfa' dubju dwar relazzjonijiet legali stabbiliti f'*bona fide*. Żewġ kriterji essenzjali jridu jiġi ssodisfatti qabel tali limitazzjoni tkun tista' tiġi imposta, jiġifieri li dawk ikkonċernati għandhom ikunu mxew f'*bona fide* u li għandu jkun hemm ir-riskju ta' diffikultajiet serji[80].

94. Fil-kawża preżenti, fir-rigward tal-ewwel kriterju relatat mal-prinċipju ta' *bona fide*, jista' jiġi argumentat li l-Gvern Franċiż mexa b'kunsiderazzjoni xierqa għal tali prinċipju mill-inqas sa fejn huma kkonċernati l-istadji tal-bidu tal-pandemija u għall-inqas sa meta ġiet ippubblikata r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers. Huwa minnu li l-Kummissjoni kkomunikat il-pożizzjoni tagħha wara t-tfaqqigħ tal-pandemija[81]. Madankollu, dik il-komunikazzjoni fil-5 ta' Marzu 2020 (b'aġġornament fid-19 ta' Marzu 2020) ikkostitwixxiet "gwida informali"[82]. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li kienet meħtieġa li taffaċċja ċertu numru ta' diffikultajiet relatati ma' problemi ta' inadegwatezza tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kriżi. Sabiex tindirizza dawk id-diffikultajiet, il-Kummissjoni kkunsidrat neċessarju li tagħmel proposti leġiżlattivi urġenti sabiex tadatta temporanjament għas-sitwazzjoni. Kif diġà semmejt qabel fl-analiżi tiegħi tat-tieni domanda[83], sa fejn id-Direttiva 2015/2302 hija kkonċernata, diversi Stati Membri talbu li l-Kummissjoni tissospendi d-dritt għal fi żmien 14-il jum u/jew jiġi ssostitwit b'soluzzjoni temporanja ta' vawċer.

95. Il-Kummissjoni tgħid fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha li s-servizzi tagħha evalwaw, fil-bidu tal-pandemija, jekk ikunx xieraq li jiġu adottati miżuri speċifiċi sabiex jiġu protetti organizzaturi. Il-Kummissjoni fl-aħħar iddeċidiet li ma kienx xieraq li tagħmel proposta leġiżlattiva f'dak is-sens. Kif spjegat waqt is-seduta, waħda mill-fatturi deċiżivi wara dik id-deċiżjoni kienet it-tħassib li kuntratti li jkunu daħlu fihom vjaġġaturi jkunu affettwati retroattivament. Minflok, il-Kummissjoni adottat ir-Rakkomandazzjoni dwar Vawċers.

96. Is-sekwenza tal-avvenimenti hawn fuq jindikaw, fil-fehma tiegħi, li għall-inqas fl-*istadji inizjali* tal-pandemija, kien hemm raġunijiet raġonevoli għall-Istati Membri biex jikkunsidraw li l-qafas leġiżlattiv eżistenti seta' jiġi adattat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, naqbel mal-Gvern Belġjan li l-Gvern Franċiż mexa b'*bona fide*, għall-inqas fl-istadji inizjali tal-pandemija meta ddeċieda li jadotta d-digriet ikkontestat. Madankollu, wara l-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Vawċers, il-pożizzjoni tal-Gvern Franċiż li d-digriet ikkontestat għandu jinżamm ma għadhiex tidher konvinċenti.

97. It-tieni kundizzjoni meħtieġa mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 93 hawn fuq sabiex jiġi ristrett l-effett temporali ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa l-istabbiliment ta' "riskju ta' diffikultajiet serji". F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju qalet li l-valur tal-vawċers maħruġa mill-organizzaturi ta' vvjaġġar Franċiżi sal-15 ta' Settembru 2020, meta d-digriet ikkontestat ma baqax japplika, kien stmat EUR 990 miljun, li jirrappreżentaw madwar 10% tad-dħul tas-settur f'sena normali. Madankollu, il-fatt li l-organizzaturi ltaqgħu ma' problemi ta' likwidità fil-bidu tal-pandemija ma jfissirx li huma xorta jibqgħu jiltaqgħu ma' tali problemi. F'dak ir-rigward, għandu jiġi nnotat li iktar minn sentejn wara li daħal fis-seħħ id-digriet ikkontestat u sentejn wara l-iskadenza tagħha (15 ta' Settembru 2020), il-mezzi finanzjarji disponsibbli lill-Istati Membri sabiex itaffu l-ħtiġijiet ta' likwidità ta' organizzaturi affettwati mill-pandemija huma stabbiliti

80 Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504, punt 132).

81 Ara l-punt 86 iktar 'il fuq.

82 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 78, paġna 14.

83 Punt 87.

sew[84]. Jista' jkun il-każ li l-organizzaturi huma meħtieġa li jħallsu interessi fuq kwalunkwe rifużjonijiet li ma kinux saru waqt li d-digriet ikkontestat baqa' fis-seħħ. Madankollu, la l-qorti tar-rinviju u lanqas il-Gvern Franċiż ma elaboraw fuq dak l-aspett jew fuq il-mistoqsija jekk dan ikunx iwassal għal "riskju ta' diffikultajiet serji".

98. Għalhekk, peress li *riskju ta' diffikultajiet serji* li jirriżulta mill-interpretazzjoni ssuġġerita f'dawn il-Konklużjonijiet ma ġiex muri li jeżisti u l-kriterji li għalihom hemm referenza fil-punt 93 hawn fuq huma kumulattivi, ma huwiex xieraq li l-effetti temporali tas-sentenza jiġu limitati[85].

99. Biex nagħti risposta kompleta, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet, fuq bażi ta' każ b'każ u b'mod eċċezzjonali, li qorti nazzjonali għandha s-setgħa li tirranġa l-effetti tal-annullament ta' dispożizzjoni nazzjonali misjuba inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[86].

100. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet tali possibbiltà fil-kuntest ta' "kunsiderazzjoni superjuri" relatata mal-ambjent, sakemm ċertu kundizzjonijiet imfissra fil-ġurisprudenza huma ssodisfatti[87]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll, bħala eċċezzjoni, il-possibbiltà li jinżammu l-effetti ta' miżuri fil-qasam tad-dritt ambjentali fejn tali manutenzjoni huwa ġġustifikat minn kunsiderazzjonijiet superjuri relatati mal-bżonn li tiġi eliminata theddida ġenwina u serja ta' qtugħ tal-provvista tal-elettriku fl-Istat Membru kkonċernat, li ma jistax jiġi rrimedjat permezz ta' mezzi jew alternattivi oħra, partikolarment fil-kuntest tas-suq intern[88]. L-effetti jistgħu jiġu biss miżmuma sakemm huwa strettament neċessarju sabiex il-ksur jiġi rrimedjat. L-applikazzjoni ta' dik il-ġurisprudenza hija suġġetta, għalhekk, għall-eżistenza ta' "theddida ġenwina u serja tat-tfixkil tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija".

101. Fil-każ tal-kawża prinċipali, huwa diffiċli li jiġi sostnut li hemm interess superjuri għall-inqas komparabbli mal-provvista tal-elettriku fi Stat Membru. Barra minn hekk, id-digriet ikkontestat ma għadux fis-seħħ. Għalhekk, kif intqal, essenzjalment mill-Kummissjoni, il-limitazzjoni temporali tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża preżenti ma jippermettix l-amministrazzjoni li tirrimedja l-ksur ikkonstatat. Minflok tkun twassal għal validazzjoni *de facto* tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

84 Ara b'mod partikolari l-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat.

85 Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504, punt 136).

86 Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 178).

87 Sentenzi tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne (C-41/11, EU:C:2012:103, punt 58 *et seq.*), u tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603, punt 36 *et seq.*).

88 Sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen (C-411/17, EU:C:2019:622, punt 179).

102. Għandu wkoll jiġi nnotat li l-konsegwenzi prattiċi tal-annullament tad-digriet ikkontestat huma kwistjoni għall-qorti tar-rinviju. Id-dokumenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jikkontjenux informazzjoni dwar l-impatt preċiż li l-annullament ikollu fuq l-organizzaturi. Fi kwalunkwe każ, ir-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-annullament waħedhom ma humiex biżżejjed biex jiġġustifikaw il-limitazzjoni fuq l-effetti temporali tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[89].

103. Fid-dawl tas-suespost, nieħu l-pożizzjoni li r-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li ma huwiex xieraq li jiġu aġġustati l-effetti temporali ta' deċiżjoni li tannulla leġiżlazzjoni nazzjonali li hija kuntrarja għall-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302.

## Konklużjoni

104. Fuq il-bażi tal-analiżi stabbilita hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb id-domandi preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) kif ġej:

(1) L-Artikolu 12(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, għandu jiġi interpretat kif ġej:

fil-każ ta' terminazzjoni ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, l-organizzatur huwa obbligat li jipprovdi rifużjoni fi flus ta' kwalunkwe pagamenti magħmula u huwa prekluż milli jimponi alternattiva, b'mod partikolari fil-forma ta' vawċer għal ammont ekwivalenti għal kwalunkwe pagamenti magħmula. Madankollu, dik id-dispożizzjoni ma twaqqafx lill-vjaġġatur milli jagħżel li jirċievi tali vawċer wara l-avveniment li jagħti lok għad-dritt ta' rifużjoni jseħħ.

(2) Il-kriżi tas-saħħa relatata mal-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt straordinarju li kellha fuq is-settur tat-turiżmu jistgħu jiġġustifikaw deroga temporanja mill-obbligu tal-organizzatur li jirrifondu lill-vjaġġatur l-ammont sħiħ ta' kwalunkwe pagamenti magħmula għall-pakkett tal-ivvjaġġar fi żmien 14-il jum wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar, kif stabbilit fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302, għall-perijodu neċessarju biss sakemm l-Istat Membru jirriżolvi d-diffikultajiet insormontabbli li jiltaqa' magħhom li jfixkluh milli jżomm id-dispożizzjoni nazzjonali li tittrasponi tali obbligu. Il-mezzi magħżula biex jaffrontaw tali diffikultajiet għandhom ikunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jeċċepixxi sitwazzjoni ta' forza maġġuri biex jipprova li huwa neċessarju li jirrikorri għal deroga sabiex jirriżolvi tali diffikultajiet li jiltaqa' magħhom minħabba dik is-sitwazzjoni. F'dak ir-rigward, huwa neċessarju li jiġi vverifikat li ma hemm l-ebda miżura alternattiva għal li jirrikorri għal deroga mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, id-digriet ikkontestat jidher li jeċċedi dak li huwa neċessarju u proporzjonat sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet insormontabbli li qamu, partikolarment fid-dawl tal-effett retroattiv tal-miżura kkontestata, it-tul ta' żmien tas-sospensjoni tad-dritt li tiġi rċevuta rifużjoni u n-nuqqas ta' kwalunkwe vantaġġ offrut lill-vjaġġatur sabiex ikun ta' kontrobilanċ għall-impatt retroattiv fuq id-drittijiet tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar.

[89] Ara, f'dak is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980) li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288) għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li tillimita b'mod temporali l-effetti restitutorji konnessi mas-sejbien ta' inġustizzja minn qorti fir-rigward klawżola li tinsab f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur, għal ammonti mħallsin żejda taħt tali klawżola wara li tingħata deċiżjoni li fiha jkun hemm il-kostatazzjoni tal-inġustizzja. Dik il-konstatazzjoni kienet magħmula minkejja li l-ġurisprudenza nazzjonali tqis li l-effett retroattiv tal-invalidità tal-klawżoli inkwistjoni jkun jagħti lok għal *riperkussjonijiet ekonomiċi serji* fis-settur bankarju Spanjol.

(3) Ma huwiex xieraq li jiġu aġġustati l-effetti temporali ta' deċiżjoni li tannulla leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2015/2302.